

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 261

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

6 ta' Ottubru 2011

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Informazzjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jagħti l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe 1

REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 2
- ★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2011 tal-5 ta' Ottubru 2011 li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tad-dħul tal-Afrika t'Isfel fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda influwenza tat-tjur patoġenika ħafna ⁽¹⁾ 19

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 992/2011 tal-5 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 23

Prezz: EUR 3

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2011/649/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2011 li taħtar żewġ membri Irlandiżi u membru supplenti Irlandiż fil-Kumitat tar-Reġjuni** 25

2011/650/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2011 li taħtar membru Lussemburgiż u membru supplenti Lussemburgiż fil-Kumitat tar-Reġjuni** 26

2011/651/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 dwar għajjnuna fis-settur tal-proċessar tal-karkassi tal-animali fl-2003 Għajjnuna mill-Istat C 23/05 (ex NN 8/04 u ex N 515/03) (notifikata bid-dokument numru C(2011) 4425) ⁽¹⁾**..... 27



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Informazzjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jagħti l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe

L-Unjoni Ewropea infurmat lill-Gvern tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe dwar l-approvazzjoni tagħha, fit-12 ta' Lulju 2011, tal-Protokoll li jagħti l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fi Brussell fit-13 ta' Lulju 2011.

Fit-28 ta' Awwissu 2011, ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe infurmat bil-miktub lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar it-tlestija tal-proċeduri tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

Għaldaqstant, skont l-Artikolu 14 tal-Protokoll, dan daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 990/2011

tat-3 ta' Ottubru 2011

li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11, il-paragrafi (2), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROCĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 ⁽²⁾, il-Kunsill impona dazju definitiv anti-dumping ta' 30,6 % fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (il-"miżuri oriġinali"). Wara investigazzjoni dwar evażjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, dan id-dazju ġie estiż bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 ⁽³⁾ għall-importazzjonijiet ta' ċertu parts ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ). Barra minn hekk ġie deċiż li tinħoloq 'skema ta' eżenzjoni' abbażi tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Id-dettalji tal-iskema ġew stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 ⁽⁴⁾. Biex jirċievu eżenzjoni mid-dazju estiż il-produtturi tar-roti fl-Unjoni jridu jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri jirrispettaw proporzjon ta' anqas minn 60 % tal-parts tar-roti Ċiniżi fl-operazzjoni tagħhom jew iż-żieda ta' valur ta' aktar minn 25 % għall-parts kollha mdaħħla fl-operazzjoni. Sa issa ngħataw aktar minn 250 eżenzjoni.

(2) Wara t-tweqqif ta' reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1524/2000 ⁽⁵⁾, iddeċieda li dawn il-miżuri għandhom jinżammu.

(3) Wara reviżjoni interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku (l-"investigazzjoni preċedenti"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1095/2005 ⁽⁶⁾, iddeċieda li jżid id-dazju anti-dumping fis-seħħ għal 48,5 %.

2. L-investigazzjoni preżenti

(4) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni ħabbret b'avviż ('Avviż ta' tnedija') ⁽⁷⁾, ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li kienet se tinbeda reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-RPĊ.

(5) Ir-reviżjoni ngħatat bidu wara talba sostanzjata mressqa mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi tar-Roti ('EBMA', "l-applikant") fisem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f'dan il-każ ta' aktar minn 25 %, mill-produzzjoni ta' roti tal-Unjoni.

(6) It-talba kienet imsejsa fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għall-kontinwazzjoni ta' dumping u r-rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

3. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(7) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant, il-produtturi tal-Unjoni msemmija fit-talba, il-produtturi l-oħra kollha magħrufa fl-Unjoni, il-produtturi esportaturi, l-importaturi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati u l-awtoritajiet tar-RPĊ dwar il-bidu tal-investigazzjoni.

(8) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li juru fehmiethom bil-miktub u li jitolbu seduta fi l-limiti ta' żmien stabbiliti fl-avviż ta' tnedija.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 228, 9.9.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.

⁽⁴⁾ ĠU L 17, 21.2.1997, p. 17.

⁽⁵⁾ ĠU L 175, 14.7.2000, p. 39.

⁽⁶⁾ ĠU L 183, 14.7.2005, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 188, 13.7.2010, p. 5.

- (9) Għadd ta' produttori tal-Unjoni rappreżentati mill-applikant, produttori oħrajn tal-Unjoni li kkooperaw, produttori esportaturi, importaturi, u assoċjazzjonijiet li jużaw il-prodott wasslu fehmiethom.
- (10) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li ppreżentaw raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ngħataw seduta ta' smigħ.
- 4. It-teħid ta' kampjuni**
- (11) Minħabba l-għadd kbir ta' produttori esportaturi, produttori tal-Unjoni u importaturi involuti fl-investigazzjoni, it-teħid ta' kampjuni kien ippanat fl-avviż ta' tnedija, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.
- (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi dwar il-bżonn ta' teħid ta' kampjuni u, jekk ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-produttori esportaturi u r-rappreżentanti li jidhru fisimhom, il-produttori tal-Unjoni u l-importaturi ntalbu jippreżentaw lilhom infushom u jagħtu tagħrif kif speċifikat fl-avviż ta' tnedija. Il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll assoċjazzjonijiet magħrufa ta' produttori esportaturi u lill-awtoritajiet rilevanti tar-RPĊ. Dawn il-partijiet ma qajmu ebda oġġezzjoni li jintuża t-teħid ta' kampjuni.
- (13) B'kolloxx, 7 esportaturi/produttori, madwar 100 produttur tal-Unjoni u 4 importaturi ipprovdew it-tagħrif mitlub fil-limiti ta' żmien stabbiliti.
- (14) Billi 7 produttori Ċiniżi biss wiegħbu għat-tagħrif mitlub għat-teħid ta' kampjuni fl-avviż ta' tnedija, ġie deċiż li ma jiġix applikat it-teħid ta' kampjuni. Intbagħtu kwestjonarji lil dawn is-seba' kumpaniji, li minnhom tlieta biss wiegħbu. Minn dawn it-tliet kumpaniji tnejn biss irrappurtaw esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' revizzjoni" jew "RIP").
- (15) Rigward il-produttori tal-Unjoni, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-kampjun intagħżel wara konsultazzjoni mal-assoċjazzjonijiet rilevanti u bi qbil magħhom fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ u produzzjoni fi ħdan l-Unjoni. B'riżultat ta' dan tmien produttori tal-Unjoni ġew magħżula fil-kampjun. Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lit-tmien kumpaniji magħżula, li wiegħbu b'mod komplut.
- (16) Minħabba l-għadd limitat ta' importaturi li wiegħbu u wrew hegħga li jikkooperaw (4 importaturi), ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni mhuwiex meħtieġ fir-rigward tal-importaturi. Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-4 importaturi. Sussegwentement, importatur wieħed biss wiegħeb il-kwestjonarju, iżda din it-twegħiba ma kinitx kompluta billi l-importatur kien impenjat fil-proċess tal-għeluq definittiv tal-operazzjonijiet tiegħu.
- (17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li deħrilha meħtieġ biex tistabbilixxi l-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu u l-interess tal-Unjoni. It-tagħrif mibgħut mill-kumpaniji li ġejjin ġie vverifikat fuq il-post:
- (a) *Produttori fl-Unjoni*
- Accell Group N.V., Heerenveen, Il-Pajjiżi l-Baxxi,
 - Decathlon S.A., Villeneuve d'Ascq, Franza,
 - Cycleurope Industries S.A.S., Romilly sur Seine, Franza,
 - Denver S.R.L., Dronero, l-Italja,
 - Derby Cycles Werke GmbH, Cloppenburg, il-Ġermanja,
 - MIFA Mitteldeutsche Fahrradwerke AG, Sangerhausen, il-Ġermanja,
 - Sprick Rowery Sp.zo.o., Świebodzin, il-Polonja u Sprick Cycle GmbH, Gütersloh, il-Ġermanja,
 - UAB Baltik Vairas u UAB Baltic Bicycle Trade, Šiauliai, il-Litwanja, u Pantherwerke AG u Onyx Cycle GmbH, Löhne, il-Ġermanja.
- (b) *Produttori esportaturi fir-RPĊ*
- Oyama Bicycles (Taicang) Co., iċ-Ċina,
 - Tianjin Golden Wheel Bicycle (Group) Co. Ltd., iċ-Ċina.
- (18) L-investigazzjoni tad-dumping u l-ħsara kopriet l-eżami tat-tendenzi fil-kuntest tal-analiżi tal-ħsara li kopra l-perjodu minn Jannar 2007 sa tmien l-PIR ("il-perjodu meqjus").
- B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**
- (19) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak kopert bir-Regolament (KE) Nru 1524/2000, jiġifieri roti u ċikletti oħra (inklużi triċikletti għall-kunsinni, iżda esklużi ċikletti ta' rota waħda), mingħajr magna, li attwalment jaqgħu fil-kodiċijiet tan-NM eks 8712 00 10, 8712 00 30 u eks 8712 00 80.
- (20) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, ir-roti ġew ikklassifikati fil-kategoriji li ġejjin:
- (A) ATB (roti għal kull tip ta' art inklużi roti tal-muntanja 24" jew 26"),
 - (B) roti tal-ittekkjar/tal-ibliet/ibridi/VTC/tal-ġiti 26" jew 28",
 - (C) roti taż-żgħar (B.M.X) u tat-tfal 16" jew 20",
 - (D) roti/ċikletti oħra (esklużi ċikletti ta' rota waħda).

- (21) Kull tip ta' rota kif definit hawn fuq għandha l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi. Barra minn hekk, jinbiegħu permezz tal-istess mod ta' distribuzzjoni bħal bejjiegħa speċjalizzati bl-immuta, katina ta' ħwienet tal-isport u negozjanti bil-massa fis-suq tal-Unjoni. Billi l-applikazzjoni bażika u l-użu tar-roti huma identiċi, fil-biċċa l-kbira tagħhom huma interskambjabbli u għaldaqstant mudelli minn kategoriji differenti jikkompetu ma' xulxin. Abbażi ta' dan, ġie konkluż li l-kategoriji kollha jiffirmaw prodott wieħed uniku.
- (22) L-investigazzjoni wriet ukoll li r-roti prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, daww prodotti u mibjugħa fis-suq ta' pajjiż analogu u daww impurtati fis-suq tal-Unjoni li joriġinaw fir-RPĊ għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u l-istess użi bażiċi.
- (23) Wara l-iżvelar, waħda mill-partijiet allegat li kien hemm ftit kompetizzjoni jew kważi xejn bejn ir-roti Ċiniżi u r-roti prodotti fis-suq tal-Unjoni. Iżda, ma kien hemm ebda tagħrif fil-fajl li seta' jkun ta' appoġġ għal din l-istqarrija u ma ntbagħat ebda dokument ta' evidenza b'appoġġ għal din l-istqarrija. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota wkoll li kif jissema hawn taħt fil-premessa (26), il-kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kienet ta' livell baxx ħafna u huma pprovdew tagħrif limitat ħafna dwar il-prodotti magħmula u mibjugħa mill-produtturi Ċiniżi lis-suq tal-Unjoni. Għaldaqstant, u fin-nuqqas ta' xi tagħrif ieħor li ta' min jorbot fuqu, din l-istqarrija ma ntlagħetx.
- (24) Ir-roti prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, daww prodotti u mibjugħa fis-suq tal-pajjiż analogu u daww importati fis-suq tal-Unjoni u li joriġinaw fir-RPĊ huma għalhekk meqjusa indaqs skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING

1. Kummmenti preliminari

- (25) B'mod konformi mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk kienx probabbli li d-dumping jitkompla jew jerġa' jseħħ mal-possibbiltà ta' skadenza tal-miżuri fis-seħħ.
- (26) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-proċediment kien baxx ħafna mit-tnedija tiegħu. Kif intwera fil-premessa (14), tliet produtturi Ċiniżi biss bagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju u kienu lesti li jikkoooperaw inizjalment. Minn dawn it-tliet kumpaniji tnejn biss irrappurtaw esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PIR, u dawn flimkien jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-esportazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.
- (27) Saru żjarat ta' kontroll fuq il-post fiż-żewġ kumpaniji li għandhom bejgħ ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni. Iżda,

għal waħda minnhom, ma kienx possibbli li jkun ivverifikat it-tagħrif mogħti fit-tweġiba tal-kwestjonarju billi l-kumpanija naqset milli tipprovdri dokumenti li jissostanzjaw id-data li bagħtet. Il-kumpanija l-oħra kkooperat b'mod sodisfaċenti, iżda l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni matul il-PIR jirrappreżentaw anqas minn 5 % tal-esportazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

- (28) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-awtoritajiet Ċiniżi u t-tliet kumpaniji ġew innotifikati bil-possibbiltà li l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jista' jiġi applikat minħabba livell baxx ta' kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi esportaturi u ngħataw opportunità li jressqu l-kummenti tagħhom. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment bi tweġiba għal din il-komunikazzjoni. Għaldaqstant il-konklużjonijiet dwar il-possibbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping ta' hawn taħt huma msejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq l-istatistika kummerċjali u s-sottomissjonijiet mill-partijiet interessati, inkluża t-talba.

2. Dumping ta' importazzjonijiet Ċiniżi matul il-PIR

2.1. Pajjiż analogu

- (29) Fl-Avviż ta' tnedija, kien hemm il-ħsieb li jintuża l-Messiku bħala pajjiż analogu għall-fini li jkun stabbilit il-valur normali għar-RPĊ. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar kemm din l-għażla kienet xierqa.
- (30) Waħda mill-partijiet ikkummentat dwar kemm kienet xierqa l-għażla tal-Messiku bħala pajjiż analogu u qalet li l-prezzijiet domestiċi tar-roti fil-Messiku mhumiex ta' min jorbot fuqhom u mhumiex xierqa għall-fini ta' din l-investigazzjoni. Ġiet proposta l-Indja bħala alternattiva. Din l-istqarrija, iżda, ma kinitx issostanzjata u għalhekk ma ntlagħetx.
- (31) Il-Messiku ntuża bħala pajjiż analogu fl-investigazzjonijiet ta' qabel u ma ġiet ippruvata li teżisti ebda ċirkustanza ġdida jew ta' xort'oħra li tista' tiġġustifika bidla. Il-profil tas-suq tal-Messiku għall-prodott ikkonċernat, l-għadd ta' operaturi, il-kompetizzjoni domestika u l-karatteristiċi tal-proċess ta' produzzjoni kkonfermaw li l-Messiku kien għadu pajjiż analogu xieraq.
- (32) Intbagħtu kwestjonarji lil tliet kumpaniji Messikani. Mit-tliet kumpaniji, waħda biss xtaqet tikkoopera u bagħtet it-tweġiba tal-kwestjonarju.

2.2. Valur normali

- (33) Il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ mill-pajjiż analogu ntużaw biex jiġi stabbilit valur normali medju, filwaqt li ntużat ir-rata ta' valuta medja waqt il-PIR bejn l-Euro u l-Peso biex jinkiseb prezz medju differenzjat ex-fabbrika f' Euro.

2.3. Prezz ta' esportazzjoni

- (34) Minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 u n-nuqqas ta' tagħrif ieħor ta' min jorbot fuqu, il-prezzijiet ta' esportazzjoni ġew fil-biċċa l-kbira tagħhom stabbiliti fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat u fuq it-tagħrif pprovdut mill-uniku esportatur Ċiniż li kkoopera.
- (35) Matul l-investigazzjoni ta' qabel ġie konkluż li l-prezzijiet misjuba fl-Eurostat ma kinux konklużivi għall-fini tal-analiżi ⁽¹⁾. Iżda, minħabba l-kooperazzjoni ta' livell baxx mill-esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni qieset il-prezzijiet ta' importazzjoni tal-Eurostat għar-RPĊ bħala sors raġonevoli għall-fini tal-investigazzjoni attwali. Madankollu, il-Kummissjoni tagħraf il-limitazzjonijiet ta' din l-analiżi u li tista' biss tkun ta' użu bħala indikatur tat-tendenzi tal-prezzijiet.
- (36) Il-prezz ta' esportazzjoni miksub mill-Eurostat huwa prezz CIF, li kellu jiġi aġġustat għall-ispiża medja ta' trasport bil-baħar għal kull tranżazzjoni biex jiġi kkalolat livell ex-fabbrika. It-tagħrif li kien hemm fit-tweġiba tal-uniku produttur Ċiniż li kkoopera ntuzà biex tiġi stabbilita l-ispiża medja ta' trasport bil-baħar għal kull unità, li nstabat li kienet EUR 8,30. Il-prezz ta' esportazzjoni ex-fabbrika lejn l-Unjoni tal-unika kumpanija Ċiniża li kkooperat ġie stabbilit fuq bażi simili. Il-prezz għal kull unità li jirriżulta ntuzà mbagħad biex tiġi kkalolata l-medja differenzjata tal-prezz ex-fabbrika Ċiniż.

2.4. Tqabbil

- (37) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-medja differenzjata tal-valur normali għall-Messiku tqabblat mal-medja differenzjata tal-prezz ta' esportazzjoni Ċiniż fuq bażi tal-prezz ex-fabbrika. B'hekk ġiet stabbilita medja differenzjata tal-marġni ta' dumping.

2.5. Marġni ta' dumping

- (38) Il-kalkoli tad-dumping urew marġni ta' dumping mal-pajjiż kollu ta' aktar minn 20 %. Iżda dan il-livell għandu jitqies bħala wieħed konservattiv minħabba l-fatt li d-data tal-Eurostat ma tikkunsidrax id-differenzi sostanzjali ta' prezz fost it-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat. Ta' min jinnota f'dan il-kuntest li skont it-tagħrif mibgħut fit-talba, il-marġnijiet ta' dumping laħqu livelli ta' aktar minn 100 %.

3. L-iżvilupp tal-importazzjonijiet jekk jiġu revokati l-miżuri

3.1. Kumment preliminari

- (39) L-iżvilupp probabbli tal-importazzjonijiet mir-RPĊ ġie analizzat f'termini kemm ta' tendenzi ta' prezzijiet mistennija kif ukoll ta' volum.

3.2. Il-kapaċità ta' riżerva tal-produtturi esportaturi Ċiniżi

- (40) Abbażi tat-tagħrif mibgħut fit-talba, l-industrija Ċiniża tal-manifattura tar-roti hija, f'termini ta' volum, l-ikbar waħda fid-dinja. Ir-RPĊ għandha kapaċità ta' produzzjoni ta' bejn 100 miljun sa 110 miljun rota u produzzjoni ta' madwar 80 miljun rota fis-sena. L-industrija tar-roti Ċiniża hija orjentata lejn l-esportazzjoni: minn produzzjoni annwali ta' 80 miljun rota, 25 miljun rota huma għas-suq domestiku u l-55 miljun rota li jibqgħu, jew 69 % tal-produzzjoni totali, huma għall-esportazzjoni.

- (41) Il-kapaċità ta' riżerva annwali fir-RPĊ hija stmata għal madwar 20 sa 30 miljun rota, li hija aktar mid-doppju tal-produzzjoni attwali fl-Unjoni kif msemmi fil-premessa (66). Barra minn hekk, it-tagħrif miksub matul l-investigazzjoni juri li l-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ għar-roti tista' tiżdied faċilment, fost l-oħrajn, permezz tal-impjeg ta' forza tax-xogħol addizzjonali, f'każ ta' żieda fid-domanda.

- (42) Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ma jistax jiġi eskluż li l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fir-RPĊ tista tintuża biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping.

- (43) Wara l-iżvelar waħda mill-partijiet stqarriet li l-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża msemmija fir-regolament kienet bla bażi u msejsa fuq spekulazzjoni pura. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kienet baxxa ħafna u fil-biċċa l-kbira tagħhom is-sejbiet kellhom jissejsu fuq il-fatti disponibbli. F'dan il-każ, u kif jissema fil-premessa (40) hawn fuq, fin-nuqqas ta' xi tagħrif ieħor li wieħed jista' jorbot fuq, il-Kummissjoni użat l-evidenza prima facie mibgħuta fit-talba. L-investigazzjoni ma żvelatx xi tagħrif li seta' jissuġġerixxi li din l-evidenza prima facie ma kinitx eżatta. Il-parti msemmija wkoll ma bagħtitx xi tagħrif jew evidenza li setgħat turi livelli ta' kapaċità ta' riżerva sostanzjalment differenti fir-RPĊ. Għaldaqstant, dan l-argument ma ntlax.

3.3. L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi

- (44) Id-data mill-Eurostat u mit-talba wriet li l-Unjoni tikkostitwixxi suq attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

- (45) It-tagħrif dwar il-prezz ipprovdut mill-unika kumpanija Ċiniża li tesporta juri li l-medja differenzjata tal-prezzijiet ta' esportazzjoni ex-fabbrika tal-prodott fir-rigward tal-pajjiżi terzi hija iktar baxxa mill-medja tal-prezzijiet ta' bejgħ ex-fabbrika fl-Unjoni għall-PIR. Meqjusal-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ u meqjusa d-domanda fis-suq tal-Unjoni, huwa probabbli ħafna li l-produtturi Ċiniżi jżidu minnufih l-esportazzjonijiet tagħhom ta' roti lejn l-Unjoni, kemm-il darba jitneħħew il-miżuri. Barra minn hekk, il-kapaċità żejda attwali tagħti lill-produtturi Ċiniżi l-possibbiltà li jkunu preżenti fis-suq Ewropew bi prezzijiet baxxi ħafna.

⁽¹⁾ ĠU L 183, 14.7.2005, p. 20

3.4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' tkomplija tad-dumping

- (46) Fid-dawl tal-fatt li anki jekk jitqiesu l-miżuri attwalment fis-seħħ, it-tqabbil konservattiv bl-użu taċ-ċifri tal-Eurostat u t-tagħrif mibgħut mill-uniku esportatur Ċiniż li kkoopera wrew marġni ta' dumping ta' aktar minn 20 % għall-esportazzjonijiet Ċiniżi matul il-PIR, jidher li x'aktarx id-dumping se jtkompla fin-nuqqas ta' miżuri.
- (47) L-analiżi ta' hawn fuq uriet li l-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet taħt il-prezz tas-suq. L-aktar minħabba l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fir-RPĊ, li tista' faċilment tiżdied anki aktar jekk ikun meħtieġ, kif ukoll l-analiżi tal-livelli tal-prezzijiet fl-Unjoni u pajjiżi oħra terzi, wieħed jista' jikkonkludi li d-dumping x'aktarxikompli, kemm-il darba jitneħħew il-miżuri.

D. IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI

1. Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni

- (48) Fil-kors tal-investigazzjoni attwali nstab li r-roti ġew prodotti minn madwar 100 produttur tal-Unjoni li ppreżentaw lilhom infushom waqt l-investigazzjoni flimkien ma' produtturi oħra, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma rrappreżentati mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Dawn il-kumpaniji jiffurmaw l-industrija tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Barra

minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-industrija qed tgawdi mill-iskema ta' eżenzjoni deskritta fil-premessa (1) hawn fuq.

- (49) It-tagħrif kollu disponibbli, inkluż it-tagħrif ipprovdut fit-talba, id-data miġbura mill-produtturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali qabel u wara l-bidu tal-investigazzjoni, kif ukoll l-istatistika dwar il-produzzjoni ġenerali ntużaw biex tiġi stabbilita l-produzzjoni totali fil-Unjoni.

2. Il-konsum fis-suq tal-Unjoni

- (50) Il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni ġie vvalutat abbażi tad-data miġbura mill-produtturi fit-tweġiba tal-formoli tat-teħid ta' kampjuni u d-data rrapportata fit-talba mressqa mill-applikant. Id-data fit-talba nġabret minn bosta assoċjazzjonijiet ta' produtturi tar-roti fl-Unjoni.
- (51) Il-konsum apparenti tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-bejgħ tal-produtturi kollha tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, kif smat fil-premessa (68), flimkien mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha, kif irrappurtat mill-Eurostat.
- (52) Bejn l-2007 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 11 % minn 22 912 066 unità fis-sena 2007 għal 20 336 813 unità matul il-PIR. Il-konsum niżel b'mod partikolari bejn l-2008 u l-2009. Id-data fid-dettall, espressa funitajiet, hija kif ġej:

Tabella 1 – Konsum

	2007	2008	2009	PIR
Volum (unitajiet)				
+ Importazzjoni totali	10 073 428	10 017 551	8 973 969	9 202 752
+ Produzzjoni tal-Unjoni mibjugħa fis-suq tal-Unjoni	12 838 638	12 441 446	11 604 072	11 134 061
= Konsum	22 912 066	22 458 997	20 578 041	20 336 813
Indiċi (2007 = 100)	100	98	90	89

3. Volum u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

- (53) Il-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ġie stabbilit abbażi tat-tagħrif statistiku ipprovdut mill-Eurostat. Il-volum ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-RPĊ naqas bi 38 % matul il-perjodu kkunsidrat għal 615 920 unità matul il-PIR (ara t-Tabella 2). L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat kienu 26 % ogħla minn daww importati matul il-PIR tal-investigazzjoni ta' qabel (l-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004: 733 901 unità⁽¹⁾). L-ikbar tnaqqis fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat seħħ bejn l-2008 u l-2009 u dan jaqbel ma' dak li seħħ fil-konsum totali tal-Unjoni (ara t-Tabella 1 u 2).
- (54) Billi l-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu aktar mill-konsum matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem tas-suq tar-RPĊ naqas f'it minn 4,4 % fl-2007 għal 3,1 % fil-PIR.

(1) ĠU L 183, 14.7.2005, p. 19.

- (55) L-iżvilupp tal-importazzjonijiet u s-sehem tas-suq tar-roti li joriġinaw fir-RPĊ matul il-perjodu kkunsidrat jidher fit-tabella li ġejja:

Tabella 2 – Importazzjonijiet mir-RPĊ

	2007	2008	2009	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (unitajiet)	986 514	941 522	598 565	615 920
Indiċi (2007 = 100)	100	95	61	62
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat	4,4 %	4,3 %	3,0 %	3,1 %

4. Prezzijiet tal-importazzjonijiet ikkonċernati

4.1. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet

- (56) Kif ġie spjegat fil-premessa (35) il-Kummissjoni kkunsidrat il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-Eurostat għar-RPĊ bħala sors raġonevoli għall-fini tal-investigazzjoni preżenti.
- (57) Skont id-data tal-Eurostat, il-medja differenzjata tal-prezzijiet ta' importazzjoni, minn issa l quddiem indikati bl-indiċi, mir-RPĊ żdiedet b'125 % bejn is-sena 2007 u l-PIR. Il-prezzijiet ta' importazzjoni żdiedu b'mod sinifikanti fl-2009 u wara baqgħu kważi xorta. Id-data fid-dettall tidher fit-tabella li ġejja:

Tabella 3 – Prezzijiet tal-importazzjonijiet ikkonċernati

	2007	2008	2009	PIR
RPĊ				
Indiċi (2007 = 100)	100	128	224	225

4.2. Twaqqiġ tal-prezz

- (58) Biex jiġi ddeterminat it-twaqqiġ fil-prezz tar-roti li joriġinaw fir-RPĊ, il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha fuq it-tagħrif mibgħut matul l-investigazzjoni mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u l-prezzijiet medji mill-Eurostat. Il-prezzijiet rilevanti tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienu dawki li ngħataw lill-klijenti indipendenti li ġew aġġustati fejn kien meħtieġ għal-livell ex-fabbrika. It-tqabbil wera wkoll li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 53 %, wara t-tnaqqis tad-dazju anti-dumping.

5. Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra

- (59) Abbażi tad-data tal-Eurostat, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqsu minn 9 087 000 unità fl-2007 għal 8 587 000 unità fil-PIR; tnaqqis ġenerali ta' 6 %. Segwew it-tendenza ta' tnaqqis tal-konsum tal-Unjoni (- 11 %), b'pass inqas mgħaġġel. Is-sehem tas-suq tal-pajjiżi terzi żdied minn 40 % għal 42 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iżda kif intqal fil-premessa (35) u (56), il-prezzijiet tal-Eurostat ma jqisux il-bosta taħlitiet ta' prodotti minn kull pajjiż u għalhekk jintużaw biss l-indiċijiet għall-indikazzjoni tat-tendenzi tal-prezzijiet. Billi t-taħlita tal-prodotti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhijiex magħrufa, ma jagħmilx sens li jitqabblu l-prezzijiet tal-importazzjonijiet ta' hawn taħt ma' dawki tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, intalab u nkiseb xi tagħrif addizzjonali dwar l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet l-oħra ta' rotu. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 4 – Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra

It-tipi kollha	2007			2008			2009			PIR		
	Unitajiet '000	Sehem mis-suq	Prezz EUR/unità	Unitajiet '000	Sehem mis-suq	Prezz EUR/unità	Unitajiet '000	Sehem mis-suq	Prezz EUR/unità	Unitajiet '000	Sehem mis-suq	Prezz EUR/unità
It-Tajwan	3 186	14 %		3 428	15 %		2 949	14 %		2 958	15 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	108	110	104	93	103	125	93	105	125
It-Tajlandja	1 534	7 %		1 522	7 %		1 384	7 %		1 397	7 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	99	101	107	90	100	127	91	103	127
Il-Filippini	690	3 %		437	2 %		449	2 %		476	2 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	63	65	105	65	73	106	69	78	103
Il-Malasja	475	2 %		361	2 %		193	1 %		265	1 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	76	77	106	41	45	116	56	63	99
Is-Sri Lanka	574	3 %		749	3 %		1 017	5 %		1 101	5 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	131	133	107	177	197	108	192	216	107
It-Tuneżija	550	2 %		527	2 %		530	3 %		495	2 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	96	98	105	96	107	113	90	101	113
Oħrajn	2 078	9 %		2 052	9 %		1 854	9 %		1 895	9 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	99	101	110	89	99	131	91	103	127
TOTALI	9 087	40 %		9 076	40 %		8 375	41 %		8 587	42 %	
<i>Indiċjati</i>	100	100	100	100	102	109	92	103	125	94	106	122

(1) *It-Tajwan*

- (60) L-importazzjonijiet mit-Tajwan naqsu matul il-perjodu kkunsidrat minn 3 158 600 unità fl-2007 għal 2 958 000 unità fil-PIR u s-sehem tas-suq tagħhom żdied f'it minn 14 % għal 15 % matul l-istess perjodu. L-importazzjonijiet tar-roti mit-Tajwan huma maħsuba għas-suq għoli. Matul l-investigazzjoni, ġie muri, bl-applikazzjoni tat-tqabbil ma' mudell, li l-importazzjonijiet mit-Tajwan jinbiegħu bi prezz ogħla mill-mudelli simili magħmula mill-industrija tal-Unjoni bħal fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' qabel ⁽¹⁾. Barra minn hekk, matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezz tal-importazzjonijiet kellu tendenza li jiżdied, b'żieda ta' 25 % reġistrata fil-PIR bi tqabbil mal-2007.

(2) *It-Tajlandja*

- (61) L-importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajlandja naqsu matul il-perjodu kkunsidrat minn 1 534 000 unità fl-2007 għal 1 397 000 unità matul il-PIR. It-tnaqqis fl-importazzjonijiet kien jaqbel mat-tendenza fil-konsum billi s-sehem tas-suq tagħhom baqa' l-istess, ta' 7 %. Iżda, l-importazzjonijiet tar-roti mit-Tajlandja huma roti tal-medda tan-nofs u l-investigazzjoni wriet li bl-applikazzjoni tat-tqabbil ma' mudell, l-importazzjonijiet mit-Tajlandja jinbiegħu bi prezz ogħla mill-mudelli prodotti mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezz tal-importazzjonijiet kellu tendenza li jiżdied, b'żieda reġistrata ta' 27 % fil-PIR bi tqabbil mal-2007.

(3) *Is-Sri Lanka*

- (62) L-importazzjonijiet mis-Sri Lanka kważi rduppjaw matul il-perjodu kkunsidrat minn 574 000 unità fl-2007 għal 1 101 000 unità matul il-PIR u s-sehem tas-suq tagħhom laħaq 5 % fi tmiem il-perjodu kkunsidrat. Iżda, ġie allegat minn parti waħda li l-esportaturi Ċiniżi qed jevitaw b'qerq id-dazji ta' anti-dumping billi jibagħtu l-merkanzija minn Sri Lanka. F'dan il-mument, il-Kummissjoni ma għandhiex biżżejjed tagħrif biex tiġbed xi konklużjoni fir-rigward tal-qagħda ta' dawn l-importazzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi ma jistax jiġi eskluż li l-importazzjonijiet rrapportati bħala li joriġinaw fis-Sri Lanka mhux qed jikkontribwixxu għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.
- (63) Wara l-iżvelar, waħda mill-partijiet interessati stqarret li l-konklużjonijiet dwar evitar possibbli ta' miżuri permezz tas-Sri Lanka kienu biss koŋgettura u kull allegazzjoni dwar prassi ta' evitar ta' miżuri permezz tas-Sri Lanka

ma għandhiex titqies fil-konklużjonijiet finali. Bi tweġiba għal din l-istqarrija, ta' min jissottolinja li, kif ġie espress b'mod ċar fil-premessa (62) hawn fuq, il-Kummissjoni ma għibdet l-ebda konklużjoni dwar din il-kwistjoni.

6. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

6.1. *Kummenti preliminari*

- (64) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha rilevanti li għandhom piż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

- (65) Kif spjegat hawn fuq, minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni li lmentaw, kellhom jintużaw id-dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' kampjuni. Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, l-indikaturi tal-ħsara ġew stabbiliti kif ġej:

— L-elementi makroekonomiċi (kapaċità ta' produzzjoni, volum ta' bejgħ, sehem tas-suq, impjeg, produttività, tkabbir, kobor tal-marġini tad-dumping u rkupru mill-effetti tad-dumping tal-passat) ġew evalwati fuq il-livell tal-produzzjoni sħiħa fl-Unjoni, fuq il-bażi tat-tagħrif miġbur mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-produtturi tal-Unjoni u kumpaniji individwali. Dawn il-fatturi ġew kontrovverifikati, meta possibbli, mat-tagħrif ġenerali provdut mill-istatistika uffiċjali rilevanti.

— L-analiżi tal-elementi mikro-ekonomiċi (ħażniet, prezzijiet ta' bejgħ, likwidità, kapaċità ta' profitt, dħul mill-investimenti, kapaċità ta' żieda fil-kapital, investimenti u pagi) twettqet għall-kumpaniji individwali, jiġifieri fil-livell ta' dawk il-produtturi tal-Unjoni li ġew inklużi fil-kampjun.

6.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(a) *Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità*

- (66) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset bi f'it matul il-perjodu kkunsidrat. Sa tmiem il-PIR, il-produzzjoni naqset bi 11 % meta mqabbla mal-2007 u skont it-tendenza tal-konsum. Id-data fid-dettall tidher fit-Tabella 5:

Tabella 5 – **Produzzjoni totali tal-Unjoni**

	2007	2008	2009	PIR
Volum (unitajiet)				
Produzzjoni	13 813 966	13 541 244	12 778 305	12 267 037
Indiċi (2007 = 100)	100	98	93	89

⁽¹⁾ ĠU L 183, 14.7.2005, p. 30

- (67) Il-kapaċità ta' produzzjoni żdiedet bi 2 % bejn l-2007 u l-PIR. Hekk kif il-produzzjoni naqset, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità li rriżultat uriet tnaqqis ġenerali ta' 13 % bejn l-2007 u l-PIR, b'tlaħħiq ta' 81 % ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità matul il-PIR. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 6 – Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità

	2007	2008	2009	PIR
Volum (unitajiet)				
Il-kapaċità ta' produzzjoni	14 785 000	15 804 000	15 660 000	15 118 000
Indiċi (2007 = 100)	100	107	106	102
L-utilizzazzjoni tal-kapaċità	93 %	86 %	82 %	81 %
Indiċi (2007 = 100)	100	92	87	87

(b) Volum ta' bejgħ

- (68) Il-volum ta' bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas bi 13 % matul l-2007 u l-PIR. Dan l-iżvilupp huwa konformi max-xejra ġenerali ta' tnaqqis fil-konsum fis-suq tal-Unjoni. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 7 – Bejgħ lil klijenti mhux relatati

	2007	2008	2009	PIR
Volum (unitajiet)	12 838 638	12 441 446	11 604 072	11 134 061
Indiċi (2007 = 100)	100	97	90	87

(ċ) Sehem tas-suq

- (69) Is-sehem tas-suq fidejn l-industrija tal-Unjoni iċċaqlaq bi ftit bejn l-2007 u l-PIR. Kumplessivament, kien hemm tnaqqis ta' 1,3 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 8 – Sehem tas-suq tal-Unjoni

	2007	2008	2009	PIR
Sehem tas-suq tal-Unjoni	56,0 %	55,4 %	56,4 %	54,7 %
Indiċi (2007 = 100)	100	99	101	98

(d) L-impjieg u l-produttività

- (70) L-impjieg naqas b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat minn 14 925 impjegat fl-2007 għal 13 646 matul il-PIR.
- (71) Il-produttività żdiedet bi ftit fl-2008 bi tqabbil mal-2007, iżda mbaġhad naqset. Kumplessivament, tul il-perjodu meqjus il-produttività naqset bi 3 %. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 9 – Impjieg u produttività totali tal-Unjoni

	2007	2008	2009	PIR
Numru ta' impjegati	14 925	14 197	14 147	13 646
Indiċi (2007 = 100)	100	95	95	91
Produttività (unitajiet/sena)	926	954	903	899
Indiċi (2007 = 100)	100	103	98	97

(e) *Tkabbir*

- (72) Kumplessivament, ta' min jinnota li s-sehem tas-suq tal-produtturi kollha tal-Unjoni naqas bi ftit b'1,3 punti perċentwali, filwaqt li l-livell ta' konsum naqas b'11 %, u dan juri biċ-ċar li ma kinux f'qagħda li jikbru.

(f) *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

- (73) Id-dumping mir-RPĊ issokta matul il-PIR. Kif ġie spjegat fil-premessa (34), il-kalkolu tad-dumping huwa bbażat fuq il-medja tal-prezzijiet mill-Eurostat minħabba l-kooperazzjoni baxxa mill-esportaturi Ċinzi. Kif intqal fil-premessa (35), il-prezzijiet medji mill-Eurostat fihom tagħrif limitat dwar it-taħlita tal-prodott u dan huwa ta' importanza sinifikattiva għall-kalkolu tal-marġni ta' dumping; madankollu, minħabba l-kapaċità ta' riżerva mir-RPĊ, l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-marġnijiet attwali ta' dumping ma jistax jitqies bħala neglijabbli.

(g) *Irkupru minn dumping fil-passat*

- (74) Ġie analizzat jekk l-industrija tal-Unjoni rkupratx mill-effetti ta' dumping fl-imgħoddi. Ġie konkluż li l-irkupru mistenni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti tad-dumping tal-imgħoddi ma seħħx sa fejn kien mistenni kif jidher, b'mod partikolari, mill- profitt baxxa li baqa jippersisti u tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità.

6.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*(h) *Ħażniet*

- (75) Produttur wieħed ma setax jipprovi tagħrif konsistenti dwar ħażniet għall-perjodu kkunsidrat minħabba l-istruttura interna attwali tiegħu. Skont dan, id-data minn din il-kumpanija kellha titwarrab fit-tweqq tal-analiżi tal-ħażniet għall-perjodu kkunsidrat.
- (76) Il-ħażniet tar-roti żdiedu tul il-perjodu tal-analiżi minn 880 935 fl-2007 għal 1 091 516-il unità fil-PIR, żieda ta' 24 %. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 10 – **Ħażniet**

	2007	2008	2009	PIR
Volum (unitajiet)				
Ħażniet tal-għeluq	880 935	1 132 612	818 276	1 091 516
Indiċi (2007 = 100)	100	129	93	124

(i) *Prezzijiet tal-bejgħ u spejjeż*

- (77) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ex-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni seggeww tendenza ta' żieda matul il-perjodu kkunsidrat. Kumplessivament, l-industrija tal-Unjoni żiedet il-prezzijiet tagħha b'9 % bejn l-2007 u l-PIR bi qbil maż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni kif spjegat fil-premessa (79).

Tabella 11 – **Prezz ta' unità fis-suq tal-Unjoni**

	2007	2008	2009	PIR
Prezz ta' unità tal-bejgħ tal-Unjoni (EUR kull unità)	163	170	176	178
Indiċi (2007 = 100)	100	104	108	109

- (78) L-ispejjeż ta' produzzjoni ġew kkalkolati abbażi tal-medja differenzjata tat-tipi kollha tal-prodott simili magħmul mill-produtturi fil-kampjun.
- (79) L-ispejjeż ta' produzzjoni matul il-perjodu kollu żdiedu b'9 %. Din iż-żieda ġejja l-aktar minn bidla fit-taħlita tal-prodotti. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 12 – Spiża tal-produzzjoni ta' unità

	2007	2008	2009	PIR
Spiża tal-produzzjoni ta' unità (EUR kull unità)	165	169	180	180
Indiċi (2007 = 100)	100	102	109	109

- (80) Wara l-iżvelar, waħda mill-partijiet allegat li l-ispiża ta' produzzjoni li dejjem tiżdied seħħet fuq sfond ta' tnaqqis sinifikanti f'xi spejjeż ta' materja prima, l-aktar l-azzar u l-aluminju, u dan jagħti x'tifhem li l-ħsara mġarrba kienet ġeja minn ġewwa stess. Madankollu, din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata b'xhieda suffiċjenti. Tabilħaqq, il-parti involuta pprovdiet biss data li turi, f'termini ġenerali ħafna, l-evoluzzjoni tal-prezz tal-aluminju u l-azzar matul il-perjodu kkunsidrat, iżda ma wrietx sa fejn dawn l-iżviluppi kellu jkollhom impatt fuq l-ispiża ġenerali tal-produzzjoni tar-roti. Barra minn hekk, dan l-argument tqajjem biss wara l-iżvelar, jiġifieri fi stadju avanzat tal-proċediment u ma setax, għaldaqstant, jiġi vverifikat. B'hekk, l-allegazzjoni ma ntaqatx.

(j) *Kapaċità ta' profitt*

- (81) Kumplessivament il-kapaċità ta' profitt tal-produtturi fil-kampjun fir-rigward tal-prodott ikkonċernat matul l-ewwel sena tal-perjodu kkunsidrat kienet fin-negattiv (-1,7%). Fl-2008, il-produtturi tal-Unjoni bdew jaġhmlu profitt. Iżda, fl-2009 u fil-PIR, l-industrija reġgħet bdiet tagħmel it-telf.
- (82) Din it-tendenza turi li l-industrija tinsab fqagħda fraġli mqabbla mal-investigazzjoni ta' qabel meta l-kapaċità ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni kienet 3,6% matul il-PIR.

Tabella 13 – Kapaċità ta' profitt

	2007	2008	2009	PIR
Kapaċità ta' profitt tal-bejgħ tal-Unjoni	-1,7%	0,6%	-2,2%	-1,1%
Indiċi (2007 = 100)	-100	33	-129	-68

- (83) Wara l-iżvelar, ġie allegat mingħajr, madankollu, ebda xhieda ta' dokumenti ta' sostenn, li l-industrija tal-Unjoni naqset milli ttejjeb l-effiċjenza u r-rendiment tagħha. Għall-kuntrarju l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni għamlet sforzi ċari biex tadatta għall-pressjoni tal-prezzijiet li kienet ġeja mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping billi ċaqilqet mill-ġdid il-faċiltajiet ta' produzzjoni fi ħdan l-Unjoni, u dan, biex iżżid l-effettività fl-infiq, kif jissemma fil-premessa (85) hawn taħt. B'hekk, dawn l-allegazzjonijiet ma ntaqgħux.

(k) *Dħul mill-investment*

- (84) L-investment fin-negozju tal-prodott ikkonċernat naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, minn EUR 21 491 000 fl-2007 għal EUR 11 738 000 matul il-PIR. Dan jista' jiġi spjegat fil-biċċa kbira bil-kriżi ekonomika li bdiet fl-2008 u laqgħet l-iktar punt baxx tagħha matul il-PIR meta l-aċċess għal kapital ġdid kien terġa' iktar diffiċli u t-tbassir ta' bejgħ kien wieħed ħażin ħafna.
- (85) Ta' min jinnota li biċċa mdaqqsqa mill-investimenti saret biex tiżdied l-effiċjenza tal-proċess ta' manifattura u jkun hemm aġġornament mal-aħħar żviluppi tat-teknoloġija. F'dan il-proċess, xi partijiet tal-kapaċità ta' produzzjoni ġew imċaqilqa mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent għall-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, bit-twessigħ tal-bażi ta' produzzjoni lejn kważi l-Istati Membri kollha u b'turija tal-vitalità tal-industrija tal-Unjoni u tal-isforzi biex tibqa' kompetittiva.

Tabella 14 – Investimenti u Dħul mill-Investment

	2007	2008	2009	PIR
Investimenti (EUR '000)	21 491	21 743	10 701	11 738
Indiċi (2007 = 100)	100	101	50	55
Dħul mill-investment	-16%	5%	-20%	-10%

- (86) Wieħed mill-produtturi ma setax jipprovdi tagħrif konsistenti dwar il-produzzjoni netta ta' assi fissi għall-perjodu kkunsidrat għall-kalkolu tad-dħul mill-investment minħabba l-istruttura interna tiegħu. Skont dan, id-data minn din il-kumpanija kellha titħalla barra waqt it-twertiq tal-analiżi tad-dħul mill-investment għall-perjodu kkunsidrat.
- (87) Id-dħul mill-investment segwa tendenza ta' kapaċità ta' profitt. Fl-2007 il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun rreġistraw dħul negattiv mill-investment ta' 16 % li żdied bi ftit għal 10 % fin-negattiv matul il-PIR.
- (l) *Fluss ta' flus u kapaċità ta' ġbir ta' kapital*
- (88) Wieħed mill-produtturi ma setax jipprovdi tagħrif konsistenti dwar il-likwidità għall-perjodu kkunsidrat minħabba l-istruttura tiegħu li ma kinitx tippermetti li ssir stima tal-likwidità għall-part ta' rota biss mill-attività totali tiegħu. Skont dan, id-data minn din il-kumpanija kellha titħalla barra waqt it-twertiq tal-analiżi tal-likwidità għall-perjodu kkunsidrat.
- (89) Il-likwidità, li hija l-kapaċità tal-industrija li tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, baqgħet pożittiva matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Madankollu, bejn l-2007 u l-PIR, hija naqset bi kważi 33 %. Id-data fid-dettall tidher hawn taħt:

Tabella 15 – Likwidità

	2007	2008	2009	PIR
Likwidità (EUR '000)	19 981	20 767	19 261	13 350
Indiċi (2007 = 100)	100	104	96	67

- (90) Il-produtturi fil-kampjun jiġbru l-kapital jew minn ġewwa meta jkunu parti minn grupp ta' kumpaniji jew permezz ta' self mill-bank. F'każijiet oħra, il-likwidità ġġenerata mill-kumpanija tintuża bħala sors ta' finanzjament. Ebda wieħed mill-produtturi fil-kampjun ma wera xi diffikultà sinifikanti biex jiġbor il-kapital.
- (m) *Pagi*
- (91) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-ispiża tal-pagi għal kull ħaddiem żdiedet bi 11 %. Dan juri ċaqliq ta' produzzjoni lejn prodotti daqsxejn aktar sofistikati.

Tabella 16 – Pagi

	2007	2008	2009	PIR
Spiża tal-pagi għal kull impjegat (f'EUR)	20 239	20 880	22 499	22 541
Indiċi (2007 = 100)	100	103	111	111

- (92) Wara l-iżvelar, ġie allegat li l-ispiża tal-pagi għal kull impjegat kienet qed tiżdied, filwaqt li fl-istess ħin, id-domanda naqset f'daqqa, u dan juri li l-ħsara kienet ġejja minn ġewwa. Tabilħaqq, kif jidher fit-tabella hawn fuq, l-ispiża tal-pagi għal kull impjegat żdiedet bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iżda, kif ġie spjegat fil-premessa (70), l-għadd ta' impjegati naqas b'9 %. Għaldaqstant, l-ispiża totali tal-pagi żdiedet bi 2 % biss. Għalhekk, l-impatt ġenerali fuq il-kapaċità ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni nstab li kien żgħir ħafna.

7. Il-konklużjoni dwar il-ħsara

- (93) Il-miżuri attwali ta' anti-dumping kellhom impatt ċar fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, din tal-

aħħar irnexxielha, sa ċertu punt, tgawdi mill-eżistenza tal-miżuri u żammiet sehem tas-suq stabbli. Iżda, il-produzzjoni tal-Unjoni naqset u l-marġni ta' profitt baqa' insuffiċjenti. Kull possibbiltà ta' aktar tkabbir u profitti ġiet mhedda mill-pressjoni tal-prezz u tal-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

- (94) Kif jidher fil-premessa (53), il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu bejn l-2007 u l-PIR. Iżda, l-ikbar tnaqqis fil-volum tal-importazzjonijiet kien bejn l-2008 u l-2009 meta l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ żdiedu b'mod sinifikanti. Madankollu, kif uriet l-investigazzjoni u kif ġie spjegat fil-premessa (58), din iż-żieda fil-prezz xorta ma kinitx biżżejjed biex tippermetti li l-industrija ttejjeb il-qagħda tagħha. Tabilħaqq, l-importazzjonijiet mir-RPĊ waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 53 %.

- (95) L-industrija tinsab b'mod ċar f'qagħda fraġli billi qed tagħmel it-telf. Kważi l-indikaturi tal-ħsara kollha marbuta mal-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni – bħall-kapaċità ta' profitt, id-dħul mill-investiment u l-likwidità – marru għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li l-qagħda tal-industrija tal-Unjoni hija mingħajr periklu. Barra minn hekk, din il-qagħda setgħet tmur aktar għall-agħar minħabba l-perssjoni tal-importazzjonijiet li possibbilment evitaw il-miżuri
- (96) Abbażi ta' dan, il-konklużjoni hi li l-industrija tal-Unjoni, fis-sħiħ tagħha, għadha f'qagħda ekonomika vulnerabbli u kompliet iġġarrab ħsara materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku.

8. Impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u fatturi oħra

8.1. Impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

- (97) B'mod parallel għall-konsum dejjem jonqos fl-Unjoni, is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqas bi ftit minn 4,4 % għal 3,1 % (ara l-premessa (53)). Kif imsemmi fil-premessa (58) hawn fuq, abbażi ta' kalkolu li jeskludi d-dazju anti-dumping, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu 53 % inqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR. Ta' min ifakkar li r-rata tad-dazju tammonta għal 48,5 %. Għaldaqstant, il-livell ta' kemm kien iktar baxx juri minn naħa l-effettività tad-dazji fis-seħħ, u min-naħa l-oħra l-bżonn li l-miżuri jkomplu. Din il-konklużjoni tissaħħaħ bil-fatt li l-ammont inqas kien fl-istess livell tal-aħħar investigazzjoni tar-reviżjoni. B'hekk, l-impatt ta' ħsara fil-prezz tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ fuq l-industrija tal-Unjoni baqa' sinifikanti u, kif ġie spjegat fil-premessa (58), x'aktarx li jkompli.

8.2. Impatt tal-kriżi ekonomika

- (98) Minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi li sehew matul il-PIR, il-konsum tar-roti naqas. Il-produzzjoni u l-impjeg naqsu wkoll biex isegwu t-tendenza tal-konsum. Billi l-industrija tar-roti ma għandhiex spejjeż fissi għolja, it-tnaqqis fil-produzzjoni ma kellux impatt fuq il-kapaċità ta' profitt tal-industrija tar-roti tal-Unjoni.
- (99) Wara l-iżvelar, ġie allegat li l-industrija tal-Unjoni ħolqot kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali meta l-konsum tal-Unjoni kien qed jonqos u dan kellu impatt negattiv fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni. Din l-istqarrija hija f'kontradizzjoni mal-iżvilupp tal-konsum u l-kapaċità kif deskritt fil-premessi (52) u (67) hawn fuq. Tabilħaqq, il-konsum l-aktar li naqas kien bejn l-2008 u l-2009 filwaqt li l-kapaċità ta' produzzjoni kienet diġà żdiedet sena qabel, jiġifieri fl-2007 u l-2008. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ma ntlax.

8.3. Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra

- (100) Kif ġie spjegat fil-premessa (59) il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqas b'6 %, b'konfomità

mat-tendenza fil-konsum. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra żdied minn 40 % fl-2007 għal 42 % fil-PIR. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet tagħhom kellu tendenza li jiżdied b'6 % bejn l-2007 u l-PIR. Il-pajjiżi ewlenin li minnhom ġie impurtat il-prodott ikkonċernat kienu t-Tajwan, it-Tajlandja u s-Sri Lanka.

- (101) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Tajwan żdied bi ftit matul il-perjodu kkunsidrat (minn 14 % għal 15 %). Iżda, it-tagħrif disponibbli juri li, kif ġie spjegat fil-premessa (60), l-importazzjonijiet mit-Tajwan qed jikkompetu b'kundizzjonijiet ġusti mar-roti prodotti mill-Unjoni.
- (102) Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mit-Tajwan baqa' kostanti matul il-perjodu kkunsidrat. Kif ġie spjegat fil-premessa (61), it-tagħrif disponibbli juri li matul il-PIR dawn l-importazzjonijiet inbiegħu bi prezz kompetittiv ma' roti simili prodotti fl-Unjoni.
- (103) L-importazzjonijiet li joriġinaw fis-Sri Lanka żdiedu bi 92 % matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem tas-suq tagħhom matul il-PIR kien ta' 5 %. Iżda, kif ġie spjegat fil-premessa (62), l-importazzjonijiet mis-Sri Lanka huma allegati li jinkludu roti ta' oriġini Ċiniża.
- (104) Fl-aħħar nett, fost l-akbar esportaturi tar-roti lejn l-Unjoni, l-importazzjonijiet mit-Tajwan u t-Tajlandja ma setgħux ikollhom impatt negattiv fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni l-aktar minħabba l-livelli tal-prezzijiet tagħhom (simili jew ogħla wkoll minn dawk tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni). B'kuntrast, ma jistax jiġi eskluż li l-importazzjonijiet irrappurtati bħala li joriġinaw fis-Sri Lanka qed jikkontribwixxu għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

8.4. Evażjoni

- (105) Ġie allegat b'xhieda li l-esportaturi Ċiniżi kontinwament qed jevadu l-miżuri permezz ta' importazzjonijiet minn bosta pajjiżi u dawn l-importazzjonijiet jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Meqjusa x-xhieda ta' evażjoni li nstabet mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi ("OLAF") fl-imgħoddi, b'mod aktar speċifiku għall-importazzjonijiet permezz tal-Filippini, ma jistax jiġi eskluż li dan l-aġir illegali għadu jseħħ fis-suq u li jikkawża ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

E. IL-PROBABILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAL-ĦSARA

1. Kummenti preliminari

- (106) Kif deskritt fil-premessi minn (66) sa (91), l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ppermettiet lill-industrija tal-Unjoni tirkupra mill-ħsara mġarrba, iżda sa ċertu punt biss. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni dehret f'qagħda fraġli u vulnerabbli, miftugħa għall-effett ta' ħsara tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

- (107) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat ġew ivvalutati sabiex tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' tkomplija tal-ħsara.

2. Volumi ta' esportazzjoni Ċiniżi

- (108) Kif jissemma fil-premessa (40), l-industrija Ċiniża tar-roti hija orjentata lejn l-esportazzjoni. Ir-roti Ċiniżi jinsabu fis-swieq tad-dinja kollha, b'mod partikolari fl-Istati Uniti u l-Ġappun, fejn għandhom pożizzjoni dominanti. Kif jissemma f'investigazzjoni preċedenti ⁽¹⁾, fi tmiem is-snin disgħin, wara assenza mis-suq tal-Istati Uniti ta' sentejn wara l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, il-produtturi esportaturi Ċiniżi rnexxielhom iżiedu b'mod sinifikanti l-preżenza tagħhom f'dak is-suq f'perjodu ta' żmien qasir ħafna. Fl-2009, l-esportazzjonijiet tar-roti Ċiniżi lejn l-Istati Uniti kienu madwar 14 055 000 unità, minn konsum totali ta' 14 888 000 unità.
- (109) Din il-qagħda turi li l-produtturi Ċiniżi jafu jespportaw u jidħlu malajr fi swieq ġodda u jżommu pożizzjoni dominanti għal perjodu twil ta' żmien.
- (110) Wara l-iżvelar, waħda mill-partijiet stqarret li jekk jitħallew jiskadu l-miżuri ma jkunx hemm żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet ta' roti Ċiniżi billi l-esportaturi Ċiniżi kellhom diffikultajiet ta' konformità mal-istandards ta' sikurezza tar-roti Ewropej (EN 14764, EN 14765, EN 14766 u EN 14781). Iżda, din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata b'xhieda dokumentata. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni wriet li proporzjoni sinifikanti ta' roti u parts tar-roti diġà qed jiġu impurtati mir-RPĊ b'konformità mal-istandards meħtieġa ta' sikurezza. Għalhekk ma kien hemm ebda raġuni biex wieħed jaħseb li l-produtturi Ċiniżi mhumiex kapaċi jikkonformaw mal-istandards ta' sikurezza fis-seħħ għar-roti. Għaldaqstant, dan l-argument ma ntlax.

3. Kapaċità ta' riżerva fis-suq tar-RPĊ

- (111) Kif deskritt fil-premessa (41), id-data miġbura matul l-investigazzjoni wriet li hemm kapaċità ta' riżerva sinifikanti disponibbli fir-RPĊ. Għadd ta' indikazzjonijiet ċari wasslu għall-konklużjoni li parti kbira tal-kapaċità ta' riżerva tista' tintuża biex jiżiedu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping. Dan huwa kkonfermat b'mod partikolari minħabba li ma hemmx indikazzjonijiet li s-swieq ta' pajjiżi terzi jew is-suq domestiku Ċiniż jstgħu jassorbu xi produzzjoni addizzjonali mir-RPĊ.
- (112) Barra minn hekk, wara l-iżvelar, ġie allegat li ż-żieda fl-ispejjeż tax-xogħol Ċiniżi se jrażżnu ż-żieda tal-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li kif jissemma fil-premessa (26), il-kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kienet baxxa ħafna u ċ-ċifri marbuta mal-ispejjeż tax-xogħol u l-kapaċità fir-RPĊ ma ġewx ipprovduti. Barra minn hekk, il-parti kkonċernata ma baġhtix xhieda biex tappoġġja l-argument tagħha. Għaldaqstant, dan l-argument ma setax jintlaqa'.

4. Allegazzjonijiet ta' evazzjoni

- (113) Kif ġie spjegat fil-premessa (105), ġie allegat b'xhieda li l-esportaturi Ċiniżi qegħdin il-ħin kollu jevadu l-miżuri permezz ta' importazzjonijiet minn bosta pajjiżi. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-OLAF fil-każ tal-Filippini. Dan it-tip ta' aġir juri l-interess kbir tal-esportaturi Ċiniżi fis-suq attraenti tal-Unjoni.

5. Konklużjoni

- (114) L-industrija tal-Unjoni ġarrbet l-effetti tal-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping għal bosta snin u bħalissa għadha f'qagħda ekonomika fraġli.
- (115) Kif deher minn hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tirkupra mill-prassi Ċiniża tad-dumping bis-saħħa tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ. Matul il-PIR, iżda, sabet lilha nnifisha f'qagħda ekonomika iebsa. F'dan il-kuntest, kemm-il darba l-industrija tal-Unjoni tiġi esposta għal żieda fil-volumi ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-pajjiż ikkonċernat, dan x'aktarx jirriżulta f'deterjorament ulterjuri tal-bejgħ, tas-sehem mis-suq, u tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, kif ukoll aktar deterjorament tal-qagħda finanzjarja tagħha.
- (116) Barra minn hekk, kif intqal fil-premessa (58) hawn fuq, instab ukoll li l-fatt li l-prezz tal-bejgħ tal-produtturi Ċiniżi kien iktar baxx minn daww tal-industrija tal-Unjoni, bħala medja kważi 53 %, jidher li jindika li fin-nuqqas ta' miżuri, il-produtturi esportaturi Ċiniżi x'aktarx li jespportaw il-prodott ikkonċernat lis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet konsiderevolment iktar baxxi minn daww tal-industrija tal-Unjoni.
- (117) Fid-dawl ta' dak li nstab matul l-investigazzjoni, jiġifieri l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, l-orjentazzjoni lejn l-esportazzjoni bħala karatteristika tal-industrija Ċiniża u dak li għamlu fl-imgħoddi l-esportaturi Ċiniżi fis-swieq barranin, kull tneħħija tal-miżuri x'aktarx li twassal għall-kontinwazzjoni tal-ħsara.
- (118) Fl-aħħar nett, kif jissemma fil-premessi (105) u (113), l-evazzjoni qed tinfed bis-siħ il-konklużjoni tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tal-ħsara. Hija tikkostitwixxi evidenza ċara li s-suq tal-Unjoni għadu suq attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li x'aktarx li jindirizzaw volumi ogħla ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fin-nuqqas tal-miżuri anti-dumping.

F. L-INTERESS TAL-UNJONI

1. Introduzzjoni

- (119) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni dwar dumping ta' ħsara, tistax tintlaħaq il-konklużjoni b'mod ċar li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri ta' anti-dumping kontra l-importazzjonijiet mir-RPĊ.

⁽¹⁾ ĠU L 175, 14.7.2000, p. 49

(120) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjonijiet ta' qabel, l-adozzjoni tal-miżuri tqieset li mhijiex kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri anti-dumping diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri anti-dumping eżistenti.

(121) Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament tal-bosta interessi involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti.

2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(122) L-industrija tar-roti tal-Unjoni wriet li hija vijabbli u kompetittiva jekk ikun hemm kundizzjonijiet tas-suq ġusti. Iżda l-investigazzjoni wriet li l-industrija għadha f'qagħda ta' djufija b'riżultat finanzjarju qrib bilanċ kemm kemm pożittiv. Għaldaqstant jeħtieġ li jinżammu kundizzjonijiet effettivi ta' kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni.

(123) Barra minn hekk, meta wieħed jikkunsidra li jiġu żviluppati ħafna mudelli ġodda ta' roti mill-industrija tal-Unjoni, jekk il-perssoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tinżamm taħt kontroll permezz tal-miżuri, dawn jibbenefikaw ukoll minn dawn l-iżviluppi, f'dak li huma volumi ta' bejgħ u prezzijiet.

(124) Ġie meqjus li t-tkomplija tal-miżuri tibbenefika lill-industrija tal-Unjoni li mbagħad għandha tkun kapaċi li żżomm u possibbilment iżżid il-volumi tal-bejgħ u, x'aktarx, il-prezzijiet tal-bejgħ u b'hekk tiġġenera l-livell ta' dħul meħtieġ li jippermettilha li tkompli tinvesti f'teknoloġija ġdida.

(125) B'kuntrastr, kieku kellhom jiskadu l-miżuri fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ, x'aktarx li jkun hemm aktar tgħawwiġ ta' kummerċ, li bilfors iwassal għal waqfa fil-proċess ta' rkupru tal-industrija tal-Unjoni. Meta wieħed jikkunsidra l-kapaċità ta' riżerva tal-produzzjoni tar-RPĊ, l-aġir tal-imgħoddi tal-esportaturi Ċiniżi fis-swieq barranin, jidher ċar li kieku l-miżuri jiskadu, jkun diffiċli ħafna, jekk mhux impossibbli, li l-industrija tal-Unjoni tirkupra u anki żżomm il-pożizzjoni tagħha. Jekk le, il-qagħda ta' ħsara tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tmur aktar għall-agħar u dan jista' jwassal għal aktar tnaqqis tal-kapaċità ta' produzzjoni fl-Unjoni u l-għeluq ta' bosta kumpaniji li jipproduċu. Għalhekk qed jiġi konkluż li l-miżuri ta' anti-dumping huma fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

(126) Fid-dawl tal-konklużjonijiet dwar il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessi minn (93) sa (96) hawn fuq, u skont l-argumenti marbuta mal-analiżi tal-probabilità ta' tkomplija ta' ħsara kif spjegat fil-premessi minn (106) sa (117), jista' jitqies ukoll li l-industrija tal-Unjoni aktarx li tgħaddi minn deterjorament serju fil-qagħda finanzjarja tagħha f'każ li d-dazji ta' anti-dumping jitħallew jiskadu.

3. L-interess tal-utenti

(127) Din l-investigazzjoni għandha l-appoġġ tal-Federazzjoni taċ-Ċiklisti Ewropej (ECF), federazzjoni li tkopri l-assoċjazzjonijiet nazzjonali taċ-ċiklisti fl-Ewropa.

(128) L-ECF tistqarr li l-Ewropa hija l-iktar suq importanti għall-prodotti moderni taċ-ċikliżmu b'livelli għoljin fil-kwalità u s-sikurezza u li l-fluss ta' prodotti mir-RPĊ idgħajef dawn il-livelli. Barra minn hekk, L-ECF tistqarr li hemm potenzjal enormi għat-tkabbir tal-industrija tar-roti fi ħdan l-ekonomija tal-Unjoni, u jekk jiġu fi tmiem id-dazji ta' anti-dumping dan il-potenzjal jiġi mhedded.

(129) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni preċedenti, instab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri ma għandux ikun sinifikanti għall-utenti. Minkejja l-eżistenza tal-miżuri, l-importaturi/utenti fl-Unjoni setgħu jkomplu jakkwistaw il-provvisti tagħhom, fost l-oħrajn, mir-RPĊ. Ma tressqu l-ebda indikazzjonijiet dwar kienx hemm diffikultajiet fis-sejba ta' sorsi oħra. Għalhekk ġie konkluż li huwa improbabbli li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping ikollha effett serju fuq l-utenti fl-Unjoni.

4. Interess tal-fornituri

(130) L-Assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-Parts tar-Roti (COLIPED) ippreżentat lillha nnifisha matul l-investigazzjoni. Il-COLIPED stqarret li fl-Unjoni hemm madwar 300 fabrika li jissupplixxu komponenti lill-produtturi tar-roti li jimpjegaw madwar 7 300 ruħ u l-kontinwazzjoni tal-eżistenza tal-industrija tal-fornituri tiddependi bilfors mill-kontinwazzjoni tal-produzzjoni tar-roti fl-Ewropa. F'dan ir-rigward instab li mingħajr l-eżistenza tal-miżuri huwa mistenni li jseħħ aktar għeluq tal-produzzjoni tar-roti fl-Ewropa u dan ikollu konsegwenzi negattivi għall-industrija tal-parts tal-Unjoni u jhedded l-impjeg fl-industrija tal-fornituri. Huwa għaldaqstant konklużiv li l-impożizzjoni ta' miżuri ta' anti-dumping hija fl-interess tal-industrija tal-fornituri.

5. L-interess tal-importaturi

(131) Waslet tweġiba waħda biss tal-kwestjonarju mill-importaturi mhux relatati dwar l-importazzjonijiet mir-RPĊ iżda dan il-kwestjonarju ma kienx komplut billi l-kumpanija kienet qed tħejji biex twaqqaf l-operazzjonijiet tagħha minħabba raġunijiet mhux magħrufa.

(132) Ta' min jinnota l-ewwel nett li minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni tal-importaturi ma kienx possibbli li ssir stima sħiħa u kif xieraq tal-effetti possibbli tal-impożizzjoni jew in-nonimpożizzjoni ta' miżuri. Ta' min ifakkar ukoll li l-għan tal-miżuri ta' anti-dumping mhux

li jwaqqaf l-importazzjonijiet, iżda li jgħib lura kummerċ ġust u jiżgura li l-importazzjonijiet ma jsirux bi prezzijiet ta' ħsara u oġġett ta' dumping. Billi l-importazzjonijiet bi prezz ġust jibqgħu jidhru fis-suq tal-Unjoni, u billi l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi se jkomplu wkoll, x'aktarx li n-negozju tradizzjonali tal-importaturi ma jkunx affettwat sostanzjalment. Huwa ċar ukoll li l-produtturi tal-Unjoni għandhom biżżejjed kapaċità li jissupplixxu għal żieda fid-domanda ta' roti. Barra minn hekk, kif jidher mit-tabella fil-premessa (59), l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra juru li hemm kapaċità sostanzjali għall-produzzjoni ta' roti f'dawn il-pajjiżi. Huwa għaldaqstant improbabli ħafna li jista' jkun hemm skarsezza ta' roti.

(133) Billi l-importazzjonijiet bi prezz ġust ikomplu jidhru fis-suq tal-Unjon, huwa probabbli li n-negozju tradizzjonali tal-importaturi jkompli anke jekk il-miżuri ta' anti-dumping kontra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jinżammu fuq ir-RPĊ. Il-kooperazzjoni baxxa mill-importaturi mhux relatati u l-fatt li wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq ir-RPĊ l-investigazzjoni ma setgħatx tiġbor ix-xhieda tal-importaturi li jgħaddu minn diffikultajiet partikolari, jkomplu jirfdu din il-konklużjoni.

6. Konklużjoni

(134) L-itkomplija tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet tar-roti li joriġinaw fir-RPĊ jkun b'mod ċar fl-interess tal-industrija tal-Unjoni, tal-konsumaturi u fl-interess tal-fornituri tal-parts tar-roti tal-Unjoni. Dan jippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tikber u ttejjeb il-qagħda tagħha f'kompetizzjoni ġusta stabbilita mill-ġdid. Barra minn hekk, l-importaturi ma jkunx affettwati sostanzjalment billi r-roti bi prezz ġust ikunu xorta disponibbli fis-suq. B'kuntrast, jekk il-miżuri ma jiġux imposti, il-produtturi tar-roti tal-Unjoni x'aktarx li jfallu u b'hekk tiġi mheddha l-eżistenza tal-fornituri tal-parts tar-roti tal-Unjoni.

(135) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni hi li m'hemmx raġunijiet konvinċenti għaliex m'għandhomx jiġu imposti d-dazji ta' anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tar-roti li joriġinaw mir-RPĊ.

G. MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI

(136) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-miżuri ta' anti-dumping fuq ir-roti għandhom jinżammu. Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-estensjoni tal-miżuri wara reviżjoni ta' skadenza normalment tkun tapplika għal 5 snin, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi jew raġunijiet speċifiċi li jeżiġu perjodu iqsar.

(137) F'dan il-kontest ta' min jinnota li l-proċediment attwali huwa kkaratterizzat minn ċirkustanzi partikolari kif jissemma fil-premessi (1) u (48), li wkoll għandhom jkunu riflessi b'mod xieraq fit-tul ta' żmien tal-miżuri ta' anti-dumping. Fis-sustanza, l-industrija tal-Unjoni qed tgawdi minn sett atipiku ta' miżuri li jikkombinaw flimkien dazji ad valorem fuq ir-roti kompluti kif ukoll skema ta' eżenzjoni li tippermetti lil din l-industrija li

tuża l-parts tar-roti Ċiniżi li huma ħielsa minn dazji ta' kontra-evazzjoni, kemm-il darba jintlaħqu kundizzjonijiet speċifiċi.

(138) Ir-reviżjoni attwali ta' skadenza kkonfermat l-kompleksità tas-settur tar-roti u l-interkonnessjoni mill-qrib mas-settur tal-parts tar-roti. Uriet li l-industrija tal-roti tal-Unjoni qed tuża b'mod wiesa', kif jidher fil-premessa (1), l-iskema ta' eżenzjoni għall-importazzjonijiet tal-parts tar-roti. Għalhekk huwa importanti li t-tħaddim tal-miżuri jiġi eżaminat mill-ġdid b'mod regolari. Abbażi ta' dan, ingħatat konsiderazzjoni dwar jekk il-miżuri għandhomx ikunu limitati għal 3 snin.

(139) Wara l-iżvelar bosta produtturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet tagħhom sqtarrew li l-miżuri għandhom jiġu estiżi għal 5 snin. Il-partijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom ressqu l-argument li l-produtturi tar-roti kienu lesti li jinvestu fil-produzzjoni tal-parts tar-roti biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-parts tar-roti Ċiniżi, iżda perjodu ta' 3 snin ma kienx biżżejjed biex jinkiseb dħul pożittiv minn investimenti bħal dawn.

(140) F'dan ir-rigward, l-argument li bosta partijiet investew jew għandhom il-ħsieb li jinvestu fis-settur tar-roti jew tal-parts tar-roti mhux rilevanti meta ssir valutazzjoni tal-ħtieġa u t-tul ta' żmien tal-miżuri ta' anti-dumping fil-kontest tar-reviżjoni ta' skadenza. Tabilħaqq, din tal-aħħar tista' tissejjes biss fuq jekk jiġix iddeterminat li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li twassal għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u l-ħsara.

(141) Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (137) hawn fuq, ta' min ifakkar li mill-impożizzjoni inizjali tal-miżuri fl-1993 u l-estensjoni tagħhom għall-parts tar-roti fl-1997, il-qagħda tal-produzzjoni tar-roti fl-Unjoni nbidlet b'mod sinifikanti billi ngħataw aktar minn 250 eżenzjoni. Barra minn hekk, il-miżuri fuq ir-roti huma marbuta direttament mal-miżuri estiżi għall-partijiet tar-roti u għas-sistema ta' skema ta' eżenzjoni li nħolqot. Fid-dawl ta' dan, il-konklużjoni li l-miżuri jitolbu eżami mill-ġdid kif ġie stabbilit hawn fuq fil-premessa (138) għadha tapplika. F'dan ir-rigward il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tagħti bidu ex officio għal reviżjoni interim li tkopri d-dumping, il-ħsara kif ukoll aspetti tal-iskema ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(142) Abbażi ta' dan u fid-dawl tal-fatti, li t-tul ta' żmien tal-miżuri jkun, fi kwalunkwe każ, kwistjoni fi kwalunkwe reviżjoni, għadu mhux iż-żmien li ssir valutazzjoni fil-qafas tar-reviżjoni ta' skadenza attwali jekk hemmx raġunijiet jew ċirkustanzi speċifiċi li jitolbu perjodu ta' żmien differenti mill-perjodu normali ta' 5 snin kif speċifikat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, qed jitqies, li l-miżuri għandhom jiġu mtawla għal perjodu ta' 5 snin. Dan huwa mingħajr ħsara għall-fatt li t-tul ta' żmien tal-miżuri attwali ta' anti-dumping jista' jerġa' jiġi rivedut f'reviżjoni sħiħa interim sussegwenti, jekk ikun hemm, skont dak li jkun nstab.

H. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

- (143) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Dawn ingħataw ukoll perjodu ta' żmien biex jibagħtu l-kummenti tagħhom wara dan l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw kunsiderazzjoni xierqa fejn kien ħaqqhom.
- (144) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li d-dazji anti-dumping għandhom jinżammu għal 5 snin,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv ta' anti-dumping huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti u ċikletti oħra (inklużi triċikletti għall-

kunsinni, iżda esklużi ċ-ċikletti ta' rota waħda), mingħajr magna, bħalissa kklassifikabbli fil-kodiċijiet tan-NM ex 8712 00 10 (kodiċi TARIC 8712 00 10 90), 8712 00 30 u ex 8712 00 80 (kodiċi TARIC 8712 00 80 90) u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju definittiva ta' anti-dumping applikabbli għall-prezz nett ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 48,5 %.

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. FEDAK

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 991/2011

tal-5 ta' Ottubru 2011

li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tad-dħul tal-Afrika t'Isfel fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda influwenza tat-tjur patoġenika ħafna

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1), u l-Artikolu 24(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieġaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi regoli għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' kunsinni ta' stonkijiet, bżieġaq tal-awrina u msaren, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽⁴⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi wkoll il-listi ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet minnhom, minn fejn għandhom jiġu awtorizzati dawn l-importazzjonijiet, it-tranżitu u l-ħażna, u tistabbilixxi l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-pubbliku u tal-annimali, u r-regoli dwar l-oriġini u t-trattamenti meħtieġa għal dawk il-prodotti importati.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi,

territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja ⁽⁵⁾, jistabbilixxi rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluża l-ħażna matul it-tranżitu, ta' tjur, bajd li qegħdin ifaqqsu, flieles li għandhom ġurnata u bajd speċifikat bħala liberu mill-patoġeni, laħam, laħam ikkapuljat u laħam tat-tiġieġ isseparat b'mod mekkaniku, li jinkludi ratiti, għasafar tal-kaċċa slavaġ, bajd u prodotti tal-bajd. Dak ir-Regolament jistipula li dawk il-prodotti bażiċi għandhom jiġu importati biss lejn l-Unjoni mill-pajjiżi terzi, jew territorji, żoni jew kumpartimenti li huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

- (4) Peress li dan l-aħħar l-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna faqqat fl-Afrika t'Isfel, id-Deċiżjoni 2007/777/KE u r-Regolament (KE) Nru 798/2008 ġew emendati permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2011 ⁽⁶⁾, sabiex jiġu preskritti trattamenti speċifiċi għall-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel ta' prodotti tal-laħam, stonkijiet trattati, bżieġaq tal-awrina u intestini għall-konsum uman ġejjin mill-laħam ta' ratiti mrobbija fl-irziezet u ta' biltong/jerky u prodotti tal-laħam ippasturizzati li jikkonsistu f'laħam tat-tjur tal-kaċċa tal-irziezet, ratiti u għasafar tal-kaċċa slavaġ, mit-territorju kollu tal-Afrika t'Isfel kopert bir-Regolament (KE) Nru 798/2008.
- (5) L-Afrika t'Isfel issottomettiet tagħrif lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' kontroll li ttieħdu b'rabta mat-tifqigħa riċenti tal-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna. Il-Kummissjoni evalwat dak it-tagħrif u l-qagħda epidemjo-loġika wara dawk it-tifqigħat fl-Afrika t'Isfel.
- (6) Barra minn hekk, it-Tim Veterinarju għall-Emerġenzi tal-Unjoni wettaq missjoni fl-Afrika t'Isfel biex jevalwa s-sitwazzjoni u biex jagħti rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-kontroll tal-marda.
- (7) L-Afrika t'Isfel implimentat politika ta' qerda sabiex tiġi kkontrollata l-marda u jiġi limitat it-tixrid tagħha. Barra minn hekk, l-Afrika t'Isfel qed twettaq attivitajiet ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur li jidhru li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.⁽³⁾ ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.⁽⁵⁾ ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 147, 2.6.2011, p. 1.

- (8) Ir-riżultat pożittiv tal-evalwazzjoni tal-qagħda tal-marda u l-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi mwettqa mill-Afrika t'Isfel jippermettu li r-restrizzjonijiet jiġu limitati għal importazzjonijiet ta' laħam tar-ratiti fl-Unjoni għall-parti tat-territorju tal-Afrika t'Isfel li ntlaqat minn din il-marda, li tpoġġiet taħt restrizzjonijiet mill-Afrika t'Isfel. Madankollu, ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ratiti ħajjin u l-bajd tagħhom li jfaqqsu għandhom jibqgħu għat-territorju kollu tal-Afrika t'Isfel minħabba r-riskju oġhla ta' introduzzjoni potenzjali ta' vajrus fl-Unjoni.
- (9) Fir-rigward tat-trattamenti stipulati fid-Deċiżjoni 2007/777/KE għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam, stonkijiet trattati, b'ziezaq tal-awrina u msaren għall-konsum uman kif ukoll għall-biltong/jerky u prodotti tal-laħam ippasturizzati, it-trattamenti li nġhataw qabel ma faqqat l-influenza tat-tjur patoġenika ħafna għandhom jergħu jingħataw għal dawk il-prodotti bażiċi li joriġinaw mill-parti tat-territorju tal-Afrika t'Isfel fejn m'hemmx il-marda.
- (10) Il-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE telenka t-territorji jew il-partijiet tat-territorji ta' pajjiżi terzi li għalihom tapplika r-reġjonalizzazzjoni minħabba raġunijiet tas-saħħa tal-annimali. L-annotazzjoni tal-Afrika t'Isfel għandha tiġi emendata sabiex iżżomm kont tal-qagħda l-ġdida tal-marda fir-rigward l-influenza tat-tjur patoġenika ħafna f'dan il-pajjiż terz u l-konsegwenzi li jirriżultaw għar-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodotti affettwati.
- (11) Id-Deċiżjoni 2007/777/KE u r-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.
- (12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX II

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-annotazzjoni għall-Afrika ta' Isfel hija mibdula b'li ġej:

"ZA - l-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4"
			BPR	I	P2	9.4.2011	A			
			DOR	II						
			HER	III						
	ZA-1	Il-pajjiż kollu ħlief ZA-2	RAT	VII			9.10.2011			
	ZA-2	Il-parti tat-territorju bejn dawn il-konfini li ġejjin: — lejn it-Tramuntana: il-medda ta' muntanji Swartberg; — lejn in-Nofsinhar: il-medda ta' muntanji Outeniqua; — lejn il-Lvant: it-triq R339 li tgħaqqad il-medda ta' muntanji Swartberg mal-medda ta' muntanji Outeniqua, minn Barandas għal Uniondale — lejn il-Punent: il-muntanji Gamka li jgħaqqdu l-medda ta' muntanji Swartberg max-xmara Gamka fid-direzzjoni tan-Nofsinhar lejn il-muntanji Outeniqua.	RAT	VII	P2	9.4.2011				

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 992/2011**tal-5 ta' Ottubru 2011****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jstipula, skont ir-riżultat tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Ottubru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	BR	31,9
	MK	38,5
	ZZ	35,2
0707 00 05	EG	98,1
	MK	44,0
	TR	126,8
	ZZ	89,6
0709 90 70	TR	123,0
	ZZ	123,0
0805 50 10	AR	69,4
	BR	41,3
	CL	60,5
	TR	64,6
	UY	68,8
	ZA	75,1
	ZZ	63,3
0806 10 10	CL	79,6
	EG	65,0
	MK	82,2
	TR	108,1
	ZA	62,4
	ZZ	79,5
0808 10 80	CL	90,0
	CN	82,6
	NZ	116,9
	US	114,5
	ZA	85,4
	ZZ	97,9
0808 20 50	CN	50,2
	TR	107,9
	ZA	60,3
	ZZ	72,8

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Settembru 2011

li taħtar żewġ membri Irlandiżi u membru supplenti Irlandiż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2011/649/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Irlandiż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ⁽¹⁾ u 2010/29/UE ⁽²⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandati tas-Sinjura Michelle MULHERIN u s-Sur Denis LANDY saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Terry BRENNAN sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

— is-Sur John SHEAHAN, *Member of Limerick County Council*

— is-Sur Des HURLEY, *Member of Carlow Local Authorities (County and Town)*

u

(b) bħala membru supplenti

— is-Sinjura Catherine YORE, *Member of Meath County Council*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SAWICKI

⁽¹⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Settembru 2011

li taħtar membru Lussemburgiż u membru supplenti Lussemburgiż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2011/650/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jispiċċa fil-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Gilles ROTH, *Bourgmestre de la Commune de Mamer*

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Pierre WIES, *Bourgmestre de la Commune de Larochette*.

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Lussemburgiż,

Artikolu 2

Billi:

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ⁽¹⁾ u 2010/29/UE ⁽²⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2011.

(2) Wara li ntemm il-mandat tas-Sur Paul Henri MEYERS sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Wara l-ħatra tas-Sur Gilles ROTH bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti post ta' membru supplenti,

Għall-Kunsill
Il-President
M. SAWICKI

⁽¹⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ġunju 2011

dwar għajnuna fis-settur tal-proċessar tal-karkassi tal-annimali fl-2003 Għajnuna mill-Istat C 23/05
(ex NN 8/04 u ex N 515/03)

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 4425)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/651/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 108(2) tiegħu,

Billi:

I. IL-PROCĊEDURA

- (1) Permezz tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2003, ir-rappreżentanza permanenti ta' Franza għall-Unjoni Ewropea nnotifikat lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TFUE")⁽¹⁾ dwar eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali għal ċerti impriżi li jbigħu l-laħam bl-imnut.
- (2) In-notifika oriġinali kienet tikkonċerna, min-naħa, l-għajnuniet mogħtija fl-2003 u min-naħa l-oħra l-għajnuniet li huma ppjanati mill-2004 'il quddiem. Billi parti mill-għajnuniet kienet diġà nġghatat, il-Kummissjoni ddeċidiet f'dak il-każ li taqsam il-fajl f'żewġ każijiet. Mill-għajnuniet mogħtija fl-2003, qed tiġi investigata biss l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali skont din id-deċiżjoni preżenti.
- (3) It-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali kienet tneħħiet fl-1 ta' Jannar 2004. Wara, il-finanzjament tal-impjanti tas-settur pubbliku għall-proċessar tal-karkassi tal-annimali kien iggarantit mid-dħul ta' "taxxa fuq il-qatla", li għaliha l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda oġġezzjoni⁽²⁾.
- (4) Fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-fajl dwar it-"taxxa fuq il-qatla" (Għajnuna mill-Istat Nru N515 A/03), l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu informazzjoni relatata wkoll ma' dan il-każ lill-Kummissjoni, notevolment permezz tal-ittra tad-29 ta' Diċembru 2003.

- (5) L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw informazzjoni kumpliementari, mitluba mill-Kummissjoni permezz ta' ittra tal-4 ta' Marzu 2005, fl-ittra tagħhom tas-7 ta' April 2005, irreġistrata fit-12 ta' April 2005.
- (6) Il-Kummissjoni fetħet il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE rigward l-għajnuna konċernata permezz tal-ittra Nru SG(2005)D/202956 tas-7 ta' Lulju 2005.
- (7) Id-Deċiżjoni li tinfetħa il-proċedura ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁽³⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri l-oħra u l-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-għajnuniet konċernati.
- (8) L-awtoritajiet Franċiżi bagħtu l-kummenti tagħhom permezz tal-ittra tal-20 ta' Settembru 2005 u tal-15 ta' Novembru 2005, irreġistrati fis-17 ta' Novembru 2005.
- (9) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-Confédération de la boucherie, boucherie-charcuterie, traiteurs (Konfederazzjoni Franċiża tal-bejjiegħa tal-laħam u d-delikatessen, u ta' dawk li jqassmu l-laħam) (minn hawn 'il quddiem "CFBCT") fit-18 ta' Ottubru 2005 u osservazzjonijiet minn kumpanija privata fis-17 ta' Ottubru 2005⁽⁴⁾ u l-11 ta' Lulju 2008.
- (10) Permezz tal-ittra tat-18 ta' April 2011, l-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq ix-xiri tal-laħmijiet (imsejħa "taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali") mogħtija fis-sena 2003 lil ċerti impriżi li jqiegħdu fis-suq prodotti agrikoli kienet taqa' taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tas-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat [tal-KE] dwar l-għajnuna *de minimis*⁽⁵⁾.

II. DESKRIZZJONI

- (11) Il-miżura konċernata tirrigwarda l-finanzjament għas-sena 2003, tal-impjanti tas-settur pubbliku għall-proċessar tal-karkassi tal-annimali u tad-distruzzjoni tad-dqiq mil-laħam u l-għadam li ma jistax jibqqa' jintuża kummerċjalment.

⁽¹⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE nbidlu bl-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-TFUE. Dawn iż-żewġ sensiliet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi bħala sustanza. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, referenza għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandha tiftiehem bħala referenza għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, rispettivament, fejn dan ikun xieraq.

⁽²⁾ Għajnuna mill-Istat Nru 515 A/03, ittra lill-awtoritajiet Franċiżi C(2004) 936 finali tat-30.3.2004.

⁽³⁾ ĠU C 228, 17.9.2005, p. 13.

⁽⁴⁾ Il-kumpanija talbet li l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali.

⁽⁵⁾ ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.

- (12) L-impjanti tas-settur pubbliku għall-proċessar tal-karkassi tal-annimali qabel kienu jiġi ffinanzjati mit-taxxa fuq it-trattament tal-karkassi, introdotta mill-Artikolu 302a ZD tal-Kodiċi Ġenerali Franċiż tat-Taxxa, li ġie adottat skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Franċiża Nru 96-1139 tas-26 ta' Diċembru 1996 dwar il-ġbir u d-distruzzjoni tal-karkassi tal-annimali u l-iskart tal-biċċeriji (minn hawn 'il quddiem il-“Liġi tal-1996”).
- (13) It-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali kienet tapplika fuq ix-xiri tal-laħam u prodotti oħra speċifiċi mill-bejjiegħa bl-immnut kollha ta' dawk il-prodotti. Bi prinċipju, it-taxxa kellha titħallas mill-bejjiegħa bl-immnut kollha. It-taxxa kienet tiġi bbażata fuq il-valur mingħajr VAT tax-xiri mill-bejjiegħa ta' dawn il-prodotti kollha:
- laħmijiet u ġewwieni, friski jew imsajrin, imkessħa jew iffriżati ta' tjur, fniek, u kaċċa jew annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, tal-majjal u tal-ispeċijiet taż-żwiemel, ħmir u t-taħlitiet tagħhom;
 - laħmijiet immellħin, prodotti tal-laħam ipproċessat, xaħam, laħam ippreservat u ġewwieni pproċessat;
 - għalf tal-annimali magħmul minn laħam u ġewwieni.
- (14) L-impriżi li d-dħul tagħhom matul is-sena ta' qabel kien inqas minn 2 500 000 Frank Franċiż (FRF)⁽⁶⁾ (EUR 381 122) mingħajr VAT kienu eżentati mit-taxxa. Ir-rata tat-taxxa kienet iffissata fuq il-livell ta' xiri mingħajr VAT għal kull xaħar, 0,5 % sa ammont ta' FRF 125 000 (EUR 19 056) u 0,9 % 'l fuq minn FRF 125 000. L-Artikolu 35 tal-Liġi Finanzjarja emendata għas-sena 2000 (Liġi Nru 2000-1353 tat-30 ta' Diċembru 2000), gābet ċerti modifiki fis-sistema tat-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001. Dawn il-modifiki kienu intenzjonati biex itaffu l-effetti tal-kriżi tal-BSE u l-ispejjeż addizzjonali li kkawżat. Wara ż-żmien, il-bażi tat-taxxa ġiet estiża fuq “prodotti oħra li ġejjin mill-laħam”. Ir-rata tat-taxxa kienet iffissata għal 2,1 % tal-livell ta' xiri għal kull xaħar sa ammont ta' FRF 125 000 (EUR 19 056) u għal 3,9 % 'l fuq minn FRF 125 000. Minbarra dan, l-impriżi li d-dħul tagħhom matul is-sena ta' qabel kien inqas minn FRF 5 000 000 (EUR 762,245) mingħajr VAT kienu eżentati mit-taxxa.
- (15) Fil-bidu, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 1997, id-dħul mit-taxxa kien jitħallas lil fond *ad hoc* maħluq speċifikament għal dan il-għan, intenzjonat biex jiffinanzja s-servizz tal-ġbir u d-distruzzjoni tal-karkassi tal-annimali u tal-materjal fil-biċċeriji rikonoxxut bħala mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, jiġifieri l-attivajiet definiti bħala li jaqgħu taħt servizz pubbliku skont l-Artikolu 264 tal-Kodiċi Rurali. Il-fondi kienu jitmexxew miċ-Ċentru Nazzjonali għall-Iżvilupp ta' Azjendi Agrikoli (Centre national pour l'aménagement des structures des exploitations agricoles — CNASEA).
- (16) Wara l-1 ta' Jannar 2001, id-dħul mit-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali kien jgħaddi direttament għall-Baġit tal-Istat, u ma baqgħetx tgħaddi lill-fond maħluq għal dak il-għan. Għas-sena 2003, il-fondi kienu disponibbli għall-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Alimentazzjoni, is-Sajd u l-Affarijiet Rurali skont id-Digriet Nru 2002-1580 tat-30 ta' Diċembru 2002 li kien jimplimenta l-Liġi Finanzjarja għall-2003. Kienu jiġu assenjati bħala nefqa ordinarja tal-Ministeru, skont it-Titolu IV, Għajjuna Pubblika, il-Parti 4, miżuri ekonomiċi, inċentivi u għajjuna. Id-dħul minn din it-taxxa għas-sena 2003 kien stmat li kien EUR 550 miljun.
- (17) In-notifika tal-2003 pprovdiet għajjuna għall-istokkjar u d-distruzzjoni tad-dqiq mill-annimali, kif ukoll għajjuna għat-trasport u d-distruzzjoni ta' annimali li nstabu mejta u għall-iskart tal-biċċeriji. Barra minn hekk, il-Liġi tal-1996 kienet tipprovdi għall-eżenzjoni ta' impriżi li jbigħu l-laħam bl-immnut u li kellhom dħul annwali ta' inqas minn EUR 762 245. Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-Liġi tal-1996 kienet fis-seħħ matul is-sena 2003 kollha.
- (18) Il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura, ikkonkludiet li ma kienx hemm riskju li l-miżuri ta' għajjuna rigward it-tneħħija u d-distruzzjoni tal-annimali mejta, u l-istokkjar u d-distruzzjoni tad-dqiq mill-annimali u mill-iskart tal-biċċeriji, jaffettwaw ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'tali mod li jmur kontra l-interess komuni. Għalhekk setgħu jiġu kkunsidrati, skont id-deroga pprovduta fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, bħala miżuri li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-eżistenza u l-kompatibbiltà tal-għajjuniet għal kummerċ eżentat mill-ħlas tat-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali.
- L-argumenti li qajmet il-Kummissjoni fil-kuntest tal-ftuħ tal-proċedura tal-investigazzjoni*
- (19) Meta nbdiel il-proċedura tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni stmat li l-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali kienet timplika telf ta' riżorsi għall-Istat u ma kinitx iġġustifikata min-natura u s-sistema tat-taxxa li l-għan tagħha huwa li tassigura dħul għall-Istat. Fil-fatt, skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-eżenzjoni kienet ibbażata fuq id-dħul globali mill-bejgħ, u mhux fuq id-dħul mill-bejgħ tal-laħam.
- (20) Billi t-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali tiġi kkalkulata fuq il-valur tal-prodotti ġejjin mil-laħam, ma jidherx li l-eżenzjoni ta' impriża mill-ħlas tat-taxxa li għandha dħul ogħla mil-laħam hija ġġustifikata, meta l-kompetitur tagħha bi dħul minn prodotti li ġejjin mil-laħam iktar baxx, ikollhom iħallsuha.

⁽⁶⁾ Fur ir-rata tal-kambju ta' FRF 1 = EUR 0,15.

- (21) B'riżultat ta' dan, din l-eżenzjoni tidher li qed toħloq vantaġġ selettiv. Tidher ukoll bħala għajnuna li tiffavorixxi l-bejgiegħa li, billi jiġu eżentati, ikollhom it-taxxa tagħhom imnaqqsa. Abbażi taċ-ċifri tal-kummerċ tal-laħam, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-eżenzjoni tat-taxxa fl-2003 favur il-bejgiegħa li kellhom dħul ta' inqas minn EUR 762 245 kienet vantaġġ li seta' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (22) Il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-possibbiltà li l-eżenzjoni mit-taxxa jista' jkollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, speċjalment f'żoni qrib il-konfini.
- (23) L-eżenzjoni mit-taxxa favur il-bejgiegħa li għandhom dħul ta' anqas minn EUR 762 245 setgħet titqies bħal għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (24) L-eżenzjoni f'dan il-każ kienet tidher li tikkonsisti fi tnaqqis tat-taxxi, mingħajr ebda element ta' inċentiva u mingħajr kumpens mill-benefiċjarji li l-kompatibbiltà tagħhom mar-regoli tal-kompetizzjoni ma kinitx ippruvata.
- (25) Għalhekk il-Kummissjoni kkunsidrat li l-għajnuna kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 3.5 tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu (?), li kienu japplikaw f'dak iż-żmien. Skont dan il-punt, biex tiġi meqjusa kompatibbli mas-suq intern, kwalunkwe miżura ta' għajnuna għandu jkollha ċertu element ta' inċentiva jew titlob kontraparti mill-benefiċjarju. Għaldaqstant, jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni speċifika fil-leġislazzjoni Komunitarja jew f'dawn il-linji gwida dwar l-eżenzjonijiet, miżuri unilaterali ta' għajnuna mill-Istat li huma intenzjonati biss biex itejbu s-sitwazzjoni finanzjarja ta' produtturi, iżda li bl-ebda mod ma jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur, huma kkunsidrati bħala għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mas-suq komuni.
- (26) Għall-bejgħ eżentat mill-ħlas tat-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-animali, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li l-għajnuna konċernata tista' tkun għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u tista' tikkostitwixxi għajnuna operattiva, u li dwarha l-Kummissjoni kellha dubji rigward il-kompatibbiltà mas-suq intern.
- (28) Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi, qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006, kienu argumentaw illi l-għajnuniet kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar it-tħaddim tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna *de minimis* (?). Huma ddikjaraw li l-għadd ta' impriżi konċernati, li kien jammonta għal medja ta' aktar minn 100 000 fis-sena, u l-limitu tad-dħul użat għall-eżenzjoni (EUR 762 245) kienu jimplikaw illi l-ammont tal-eżenzjoni li jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat kien ikun, fi kwalunkwe każ, iktar baxx mil-limitu ta' EUR 100 000 fuq perjodu ta' tliet snin ipprovdut fir-Regolament (KE) Nru 69/2001.
- (29) Sabiex juru li l-ammont tal-eżenzjoni mogħti lil dawn l-impriżi fl-2003 kien dejjem iktar baxx minn EUR 100 000 fuq perjodu ta' 3 snin, l-awtoritajiet Franċiżi applikaw żewġ metodi.
- (30) Fl-ewwel każ, l-awtoritajiet Franċiżi ppruvaw jaslu għaċ-ċifra tad-dħul ta' impriża li kienet ħallset taxxa ta' EUR 100 000 fuq perjodu ta' 3 snin, jew taxxa annwali medja ta' EUR 33 333. Abbażi tal-ammont stabbilit, maqsum skont il-livell tat-taxxa (2,1 % u 3,9 %), stabbilixxew il-bażi tat-taxxa li tikkorrispondi għax-xiri tal-laħam tal-impriża. Fl-aħħar nett, skont il-valur ta' dan ix-xiri tal-laħam, waslu għal stima ta' dħul annwali, abbażi tal-ipoteżi massimalista li din l-impriża kienet tispeċjalizza fil-kummerċ tal-laħam. Dan il-metodu ppermettilhom jistabbilixxu livell ta' dħul għall-impriża li kien wisq ogħla mil-limitu tal-eżenzjoni mit-taxxa. Il-limitu tal-eżenzjoni ta' EUR 762 245 kien għalhekk inqabeż sew, li kien ifisser li impriża li tkun ħallset taxxa ta' EUR 100 000 fuq tliet snin ma tista' bl-ebda mod tkun eżentata mit-taxxa fuq ix-xiri tal-laħam.
- (31) Fit-tieni każ, l-awtoritajiet Franċiżi ppruvaw jikkalkulaw l-ammont tat-taxxa ta' impriża speċjalizzata fil-laħam li kellha dħul eżatti taħt il-limitu tal-eżenzjoni, li kien jammonta għal EUR 762 000. Abbażi ta' koeffiċjent għax-xiri/dħul ta' 0,58 ⁽⁹⁾, l-awtoritajiet Franċiżi ikkalkulaw il-valur tax-xiri tal-laħam ta' EUR 441 960 (762 000 × 0,58) għal din l-impriża. Dan it-tieni metodu juri li l-ammont massimu ta' eżenzjoni huwa ta' EUR 13 132 fis-sena għal kull impriża, jiġifieri ammont li xorta baqa' inqas minn EUR 100 000 fuq tliet snin.

III. KUMMENTI PPREŻENTATI MINN FRANZA

- (27) L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw il-kummenti tagħhom permezz tal-ittri tal-20 ta' Settembru 2005, u tal-15 ta' Novembru 2005. F'dawn l-ittri, huma kkonfermaw illi ma setax jiġi kkontestat illi l-eżenzjoni mit-taxxa mogħtija lill-impriżi kienet tirrapreżenta għajnuna skont it-tifsira tat-Trattat tal-KE. Barra minn dan, il-Kummissjoni kienet waslet għall-konklużjoni simili fid-Deċiżjoni 2005/474/KE tagħha tal-14 ta' Diċembru 2004 dwar l-eżenzjoni applikata bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 2002 (għajnuna NN 17/01 ikklassifikata mill-ġdid bħala C 49/02) ⁽⁸⁾.
- (32) Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006, l-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq ix-xiri tal-laħam (imsejħa t-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-animali), mogħtija għall-2003 lil ċerti impriżi li jqiegħdu fis-suq prodotti agrikoli, kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari tal-Artikolu 5 tiegħu dwar miżuri tranżitorji [ta' tranżizzjoni].

⁽⁹⁾ ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30

⁽¹⁰⁾ Informazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi bbażata fuq sorsi professjonali (Ċentri tal-Immaniġjar tal-Konfederazzjoni tal-Bejgiegħa tal-Laħam).

⁽⁷⁾ ĠU C 28, 1.2.2000, p. 2.

⁽⁸⁾ ĠU L 176, 8.7.2005, p. 1.

IV. KUMMENTI PPREŻENTATI MINN TERZI PERSUNI

Kummenti mill-Konfederazzjoni tal-bejjiegħa tal-laħam u d-delikatessen, u ta' dawħ li jqassmu l-laħam (CFBCT)

- (33) L-ewwel nett, il-Konfederazzjoni tal-bejjiegħa tal-laħam u d-delikatessen, u ta' dawħ li jqassmu l-laħam (minn hawn 'il quddiem "CFBCT") iddikjarat li l-miżura konċernata ma kinitx tilħaq il-kriterju għad-definizzjoni ta' għajjnuna mill-Istat u li s-sistema tat-taxxa applikata għal ċerti impriżi abbażi tal-ammont tad-dħul tagħhom kienet iġġustifikata b'mod sħiħ minħabba l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa. Skont is-CFBCT, it-taxxa fuq ix-xiri tal-laħam kienet tinġabar u tiġi kkontrollata skont ir-regoli applikabbli għall-VAT u taxxi simili. L-iffissar tal-limitu tal-eżenzjoni kien ibbażat fuq kriterju oġġettiv u kriterju loġiku identiku għal dak tal-limiti applikabbli għal taxxi oħrajn. Il-Liġi tal-1996 kienet tagħmel parti mis-sistema Franċiża għall-ġbir tal-VAT. Għalhekk ma kellhiex l-għan li tagħti vantaġġ eċċezzjonali lil ċerti impriżi, iżda li fil-fatt, tintroduċi livell ta' limitu, li jqis il-kapaċità ta' impriżi li jħallsu t-taxxa, u b'mod partikulari, il-vijabbiltà ta' bejjiegħa tal-laħam tas-sengħa.
- (34) It-tieni, is-CFBCT iddikjarat illi din il-miżura ma kinitx taffettwa l-kummerċ intra-Komunitarju. Fir-realtà, id-daqs estremament moderat tal-impriżi konċernati mill-miżura li qed tiġi kkunsidrata, u s-suq ġeografikament ferm limitat li joperaw fih, kien jifja' dubju fuq id-dikjarazzjoni li l-miżura kienet tikkonstitwixxi għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (35) Saħansitra anke jekk jiġi kkunsidrat li l-impriżi eżentati mill-ħlas tat-taxxa kienu effettivament ibbenefikaw minn għajjnuna, is-CFBCT enfasizzat li din l-għajjnuna kienet, fi kwalunkwe każ, kompatibbli mar-regoli tat-Trattat.
- (36) Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-eżenzjoni tal-intrapriżi ż-żgħar tal-bejjiegħa tal-laħam u tal-bejjiegħa tas-sengħa bħala ġġustifikata skont għan ta' interess ġenerali: l-immaniġġjar tal-kriżi tal-BSE u t-trattament meħtieġ għal prodotti perikolużi. Barra minn hekk, din il-miżura ma kinitx tikkonċerna biss l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u kienet potenzjalment taqa' taħt ir-regolamenti tal-eżenzjoni applikabbli dak iż-żmien, jiġifieri ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajjnuna tal-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju⁽¹¹⁾, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1/2004 tat-23 ta' Diċembru 2003 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat [tal-KE] dwar l-għajjnuna tal-Istat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, il-proċessar u l-marketing [t-tqegħid fis-suq] ta' prodotti tal-agrikoltura⁽¹²⁾.
- (37) Is-CFBCT issotni li, fi kwalunkwe każ, ir-reqwiżit illi jitleb li l-għajjnuna tiġi rkuprata, li eventwalment iwassal għal klassifikazzjoni ta' inkompatibbiltà ta' miżura ta' għajjnuna mill-Istat, tmur kontra l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni

tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE⁽¹³⁾, għaliex deċiżjoni negattiva u l-irkupru ma jqisux l-aspettattivi leġittimi tal-impriżi benefiċjarji.

- (38) Barra minn hekk, l-evalwazzjoni *a posteriori* tal-ammont tal-għajjnuna abbażi ta' tassazzjoni retroattiva fuq rata fissa probabbilment tibqa' iktar baxxa mil-limiti *de minimis*, billi l-benefiċjarji potenzjali ta' dawn l-għajjnuniet kienu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, impriżi mikro.

Kummenti ppreżentati minn kumpanija privata li l-kwartieri ġenerali tagħha huma fi Franza

- (39) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-kumpanija privata konċernata kienet tħaddem attività ta' distribuzzjoni tal-ikel fi Franza. Billi ħallset it-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali mis-sena 2001 sas-sena 2003, u billi kienet talbet ir-rimborż tal-ammont imħallas lis-servizzi tat-taxxa Franċiżi, il-kumpanija tqis li huwa fl-interess tagħha li tibgħat il-kummenti tagħha permezz ta' din il-proċedura.
- (40) Il-kumpanija ssotni li, kuntrarju għall-konklużjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura fil-5 ta' Lulju 2005 (2005/C 228/06)⁽¹⁴⁾, kien hemm konnessjoni bejn l-għajjnuniet fis-settur tal-proċessar tal-karkassi tal-annimali u x-xiri tal-laħam. Il-kumpanija tqis li t-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-annimali mħallsa matul is-sena 2003 hija bbażata fuq l-Artikolu 302a ZD tal-Kodiċi Ġenerali Franċiż tat-Taxxa u tiffinanzja skema tal-għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 tat-TFUE. Billi din l-iskema ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni minn qabel, għandha tiġi ddiċjarata illegali.
- (41) Barra minn hekk, il-kumpanija ssotni li l-eżenzjoni mit-taxxa hija inkompatibbli fir-rigward tal-Artikolu 107 tat-TFUE, u li dan għandu jwassal biex it-taxxa tkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza *vis-à-vis* it-taxxa mill-Istat u konsegwentament ir-regoli dwar il-kompetizzjoni.
- (42) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kwalunkwe għajjnuna fi kwalunkwe forma li tkun mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li tfixxek jew thedded li tfixxek il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċertu merkanzija għandha, safejn tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni, ħliet jekk stipulat mod ieħor fit-Trattat.
- (43) L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE japplikaw għas-settur tal-laħam tal-majjal skont l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal⁽¹⁵⁾. Dawn japplikaw għas-settur tal-laħam tal-bovini skont l-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kunsill

V. VALUTAZZJONI

⁽¹¹⁾ ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33.

⁽¹²⁾ ĠU L 1, 3.1.2004, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

⁽¹⁴⁾ Ara n-nota f' qiegħ il-paġna nru 3.

⁽¹⁵⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1.

- (KEE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u tal-vitella⁽¹⁶⁾. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE kienu japplikaw għas-settur tal-laħam tal-bovini, qabel l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68⁽¹⁷⁾. Dawn l-Artikoli japplikaw għas-settur tal-laħam tal-bovini u tan-nagħaġ skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2467/98 tat-3 ta' Novembru 1998 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-laħam tal-nagħaġ u tal-mogħoż (traduzzjoni mhux uffiċjali)⁽¹⁸⁾. Kienu japplikaw għas-settur tal-laħam tat-tjur skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur⁽¹⁹⁾. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)⁽²⁰⁾ irrevoka dawn ir-Regolamenti differenti, u fl-Artikolu 180 tiegħu jipprovdi li r-regoli dwar l-għajnuniet mill-Istat japplikaw għall-prodotti msemmija hawn fuq.
- (44) L-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq ix-xiri tal-laħam (imsejħa t-"taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-animali"), mogħtija għall-2003 lil ċerti impriżi li jqiegħdu fis-suq prodotti agrikoli, kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006.
- (45) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006, l-għajnuniet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, jitqiesu li jilhqgħu l-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u għalhekk huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.
- (46) Ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006 japplika għall-għajnuniet mogħtija lill-impriżi tas-setturi kollha, iżda fil-każ ta' impriżi attivi fil-proċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE, japplika biss jekk l-ammont tal-ghajnunna mhux stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti ta' dan it-tip, mixtrija mill-produtturi primarji jew li tqiegħdu fis-suq mill-impriżi konċernati, u jekk l-ghajnunna mhix ikkundizzjonata li tingħata parzjalment jew kollha kemm hi lil produtturi primarji.
- (47) Ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006, skont l-Artikolu 5(1) tiegħu, japplika għal għajnuniet mogħtija, qabel ma daħal fis-seħħ, lill-impriżi attivi fis-settur tal-proċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2. Ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006 daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2006.
- (48) Skont l-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006, it-total gross ta' ghajnunna *de minimis* mogħti lill-istess impriża ma għandux jaqbeż EUR 200 000 matul perjodu ta' tliet snin fiskali. Il-limitu stabbilit għandu jkun espress bħala għotja ta' flus. Iċ-ċifri kollha użati huma f'ammonti grossi, jiġifieri qabel it-tnaqqis tat-taxxi jew imposti oħra. Fejn l-ghajnunna tingħata f'forma oħra li mhijiex għotja, l-ammont ta' ghajnunna għandu jkun l-ekwivalenti tal-ghajnunna bħala għotja grossa.
- (49) L-impriżi konċernati kienu attivi fil-proċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE u ta' prodotti oħra, u fl-2003 kienu eżentati mit-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi tal-animali. Skont il-miżuri ta' tranżizzjoni pprovduti fl-Artikolu 5 tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006 għalhekk għandu japplika f'dan il-każ.
- (50) L-awtoritajiet Franċiżi stabbilixxew li r-rekwiżiti stabbiliti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006 kienu ssodisfati billi wrew li l-ekwivalenti tal-għotja tal-ghajnunna li rċieva kull benefiċjarju ma kienet fl-ebda ċirkustanza taqbeż EUR 200 000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin, billi l-ammont massimu ta' eżenzjoni kien EUR 13 132 fis-sena u għal kull impriża (ara l-premessa 29).
- (51) Minħabba dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-eżenzjoni ta' impriżi li jbigħu l-laħam bl-imnuta li l-dħul annwali tagħhom fl-2003 kien inqas minn EUR 762 245 kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006 u tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fih. Għaldaqstant, din l-eżenzjoni tikkostitwixxi ghajnunna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proċessar tal-karkassi għas-sena 2003 favur l-impriżi li jbigħu laħam bl-imnuta li d-dħul annwali tagħhom huwa inqas minn EUR 762 245 ma tikkostitwixx ghajnunna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOŞ

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁶⁾ ĠU L 160 26.6.1999, p. 21.

⁽¹⁷⁾ ĠU L 148, 28.6.1968, p. 24.

⁽¹⁸⁾ ĠU L 312, 20.11.1998, p. 1.

⁽¹⁹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77.

⁽²⁰⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

